# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 536/2017

**Il-Pulizija**
**Spettur Louise Calleja**

**Vs**

***Omissis***

Illum, 18 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant *Omissis* detentur tal-karta ta' l-identita' numru 702660(M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

F'Settembru 2011 u fix-xhur ta' qabel ġewwa *Omissis* u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminjiet differenti u li jiksru l-istess dispossizjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. B'egħmil żieni kkorrompa lil *Omissis*, minuri ta' tlettax-il sena;
2. Ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' l-istess minuri *Omissis*;
3. Offenda l-pudur jew il-morali b'egħmil li sar f'lok pubbliku u/jew f'lok espost għall-pubbliku;

Illi l-Qorti kienet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta' ta' *Omissis*,

u tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u kif ukoll tagħmel Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawteli li din il-Qorti jidrilha li huma xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' Dicembru, 2017 fejn il-Qorti filwaqt li laqgħet t-talba tal-imputat sabiex l-istqarrija rilaxxjata minnu tigi iddikjarata inammissibbli u għalhekk ġiet sfilzata, wara li rat l-artikoli 18, 203 (1)(c), 204C(1) u 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għall tlett ( 3) snin prigunerija.

In oltre, a tenur tal-Artikolu 328A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati ordnat il-ħruġ ta' ordni ta' trażżin fil-konfront tal-imputat li permezz tiegħu tagħti effett għall kull ma hemm fis-subinċiż (3) tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għaf-favur ta' *Omissis* għal żmien tlett (3) snin, dan il-perjodu għandu jibda għaddej mid-data li fiha l-ħati jkun skonta l-piena.

Wara li rat l-Artikolu 3 tal-Att XXIII tal-2011 u cioe` l-Att dwar Reġistrazzjoni għal Protezzjoni tal-Minuri, ordnat notifika ta' dina s-sentenza lir-Registratur Qrati Ċivili u Tribunali sabiex l-appellanti jitniżżel fir-Reġistru skond il-Ligi.

Ordnat ukoll id-divjet tal-publikazzjoni ta' isem l-imputat, tal-familjari tal-minuri kif ukoll l-isem tal-istituzzjoni fejn tirrisjedi l-minuri u l-lokalitajiet fejn seħħew l-allegat inċidenti.

Rat ir-rikors tal-appellant *Omissis* minnu ppreżentat fil-15 ta' Diċembru, 2017 fejn talab lil din il-Qorti, tilqa' dan l-appell billi tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena fir-rigward tal-istess, jew alternattivament, minflok tinfliġġi piena alternattiva u inqas kiefra.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

1. Illi fl-ewwel lok, u fl-umili fehma tal-esponenti, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi mressqa quddiemha fl-ewwel istanza.

Illi ta' min jinnota li l-appellanti intavola rikors datat 27 ta' Mejju tas-sena, 2016 u sussegwentment saret referenza wkoll mill-appellanti f'verbal, fejn huwa ghamel accenn ghall-izviluppi legali u l-interpretazzjoni tad-Dritt uman sancit f'Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u ghalhekk saret referenza ghal-fatt li kellu jigi adoperat ghalih d-dritt tal-prezenza tal-Avvukat waqt l-interrogatorju, tenendo kont li fil-verbal tad-9 ta'Jannar tas-sena 2017, l-partijiet qablu li l-Ewwel Qorti kellha tghaddi ghal gudizzju wiehed fis-sentenza inkluz anke fuq din il-materja, d-decizjoni sabiex l-istqarrija tal-appellanti tigi sfilzata propju ttiehdet fis-sentenza mertu ghal dan l-appell.

Ghal dan il-ghan u gjaladarba l-isqarrija tal-appellanti giet sfilzata u ghalhekk ma baqghetx taghmel parti mill-Atti processwali, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) kellha ssejjes d-decizjoni taghha biss fuq x-xhieda l-ohra kollha provvduti mill-prosekuzzjoni.

Illi kif diga inghad mid-difiza tal-appellanti fi stadju tan-noti ta' sottomissjonijiet, ix-xhieda l-ohra kollha, kollha jirrelataw l-istorja li rrakkontat il-minuri u ghalhekk huma *detto del detto*, tenendo kont ta' dan il-punt fattwali, l-unika xhud rimanenti f'din il-vertenza hija l-minuri stess, *Omissis*, u dan ghaliex *i*s-sorijiet tad-dar residenzjali, l-haddiema socjali, u anke l-Pulizija li xehdu fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati kollha xehdu fuq dak li attwalment qaltilhom il-minuri.

Di fatti, l-istess Onorabbli Qorti tal-Magistrati, tikkoncedi fis-sentenza mertu ghal dan l-appell, il-fatt li x-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni jirrakontaw kollha dak li qaltilhom il-minuri u imbaghad jibqa'biss ghalhekk il-verzjoni li tat il-minuri. Di fatti a folio 23 minn 32 tas-sentenza, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati tghid is-segwenti:

*"F' dan il-kaz il-Qorti ghandha quddiemha l-verzjoni moghtija mill-minuri, diversi xhieda li rrakontaw x'qaltilhom il-minuri u xhieda ohra prodotti mid-difiza fejn jiddiskrivu lill-minuri bhala tfajla fuq ruhha, li mhix ta' min jemminha u li diga kellha atteggjament sesswali u mhux daqshekk inibita".*

L-appellanti jaghmel referenza ghal gurisprudenza ampja li tezisti f'dan il-kaz, u cioe` ghal fatt li l-Onorabbli Qorti meta tigi biex tghaddi ghal gudizzju f'dawn il-materji fejn inghad li f'kazijiet bl-istess reati, wiehed mill-elementi li l-Qorti li tkun ha tghaddi gudizzju trid tara, huwa propju il–komportament tal-allegata vittma meta dehret. Ta' min jinnota li l-Ewwel Qorti ma kellhiex opportunita' li tara lill-allegata vittma tixhed, stante li l-proceduri kienu ghadhom qeghdin jinstemghu quddiem l-Qorti kif diversament presjeduta. Ghal dan il-ghan ma setghatx tifli u tgharbel kif gabet ruhha l-allegata vittma fil-mument li hija giet biex tixhed quddiem l-Onorabbli Qorti.

Illi fuq dan l-ispunt, l-appellanti jaghmel referenza ghal kawza fl-ismijiet *il-Pulizija (Spettur Paul Vassallo) vs Omissis*, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar is-26 ta' Ottubru tas-sena 2017, fejn il-Qorti dwar dan il-punt, b'kawza dwar l-istess materja, qalet is-segwenti:

*"Illi kif kellha okkazzjoni tirribadixxi din il-Qorti diversi drabi, ma hemmx dubbju illi f'dawn it-tip ta' kawzi l-komportament tax-xhud, li fuqu strahet l-Ewwel Qorti fid-decizjoni milhuqa minnha, hu fatt importanti ta' kredibbilita' "u kien ghalhekk li inghad mill-Qrati Inglizi, segwiti anke mill-qrati taghna illi 'great weight should be attached to the finding of fact which the judge of first instance has arrived', appuntu ghaliex '**he has had the opportunity of testing their credit by their demeanour under examination.**' (enfazi tal-appellanti)*

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-istess kawza kompliet billi kkwotat is-segwenti:

*"Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "R. v. Cooper" ([1969] :*

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (f'dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-*

*Magistrat), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed." (Confer also : BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)*

*Illi ghalhekk, "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda "safe and satisfactory" fid-dawl tarrizultanzi. (Ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et" [12.5.94] ; "**Il- Pulizija vs. Emmanuel Mifsud**[1]"]; "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[2]" u ohrajn)"*

Issa f'dan il-kaz, l-appellanti qieghed jilmenta permezz ta' dan l-aggravju li dan l-ezercizzju propju ma setghax issir stante il-fatt illi ghalkemm l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha tghid illi qrat ix-xhieda tal-minuri hija ma setghetx tinnota l-komportament taghha u ghalhekk hasset illi kellha taghti affidament, madanakollu x-xhieda tal-minuri ma kienitx instemghet mill-Ewwel Qorti kif ippresjeduta meta inghatat d-decizjoni appellata billi fiz-zmien meta din xehdet il-qorti kienet diversament ippresjeduta minn gudikant iehor.

Illi bl-istess mod gjaladarba allura li il-Prosekuzzjoni prattikament bbazat il-kaz kollu taghha fuq ix-xhieda tal-minuri, ghaliex kif diga inghad ix-xhieda l-ohra mressqa qalu dak li rrakkontat il-minuri, jibqa' l-fatt li ghalhekk il-Qorti riedet tara bir-reqqa t-testimonjanza li tat l-istess minuri u l-komportament taghha. L-ebda informazzjoni gdida

---

[1] Deciza 11 ta Lulju 1994

[2] Deciza 10 ta Mejju 2002.

ma harget mit-testimonjanza tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni oltre dik tal-minuri, u huma ma ghamlu l-ebda investigazzjoni min naha taghhom, izda biss xehdu fuq dak li skond huma qalet il-minuri.

Huwa ghalhekk hawnhekk li l-apprezzament tal-prova sar b'mod zbaljat, skond l-umili fehma tal-appellanti, u dan ghaliex t-testimonjanza tal-istess minuri *Omissis*, minn ezami ghall-kontro-ezami hija kemmxejn konfuza u m'ghandhiex mis-sewwa. Ta' importanza kbira wkoll, li l-istess minuri kienet diga ma gietx emmnuta u nstab li ma qaletx il-verita meta kienet diga allegat fil-konfront tal-appellanti snin qabel. Hawnhekk proceduri qatt ma ttiehdu ghaliex il-minuri kienet ikkonfermat anke mas-*social worker* taghha Samuel Fenech, li xehed f'dawn il-proceduri, li dan ma kienx minnu u li kienet gidbet.

Accenn ghal din l-allegazzjoni u ghal fatt li l-minuri kienet diga inqadbet tghid dak li huwa inveritier fil-konfront tal-appellanti, tinsab ***a folio 70*** tal-process, **fejn Samuel Fenech qal is-segwenti: *" Omissis kienet qalet u kienet qalet li hi minn naha taghha mhux vera li kien hemm dan l-abbuz passat, 2005. Fil-verita' qed nghid".*** Illi ghalhekk anke is-*social worker* tal-minuri stess, li gie mressaq sabiex jixhed mill-Prosekuzzjoni f'iktar minn okkazjoni darba f'dawn il-proceduri, u kien ghalhekk wiehed mix-xhieda principali tal-istess Prosekuzzjoni, gibed l-attenzjoni ta' din il-Qorti li l-minuri ghandha tendenza thawwad u tgherbel l-affarijiet kif jaqblilha.

Illi certament la huwa *safe* u lanqas *satisfactory* ghall-Qorti fil-kamp penali, li trid tara li l-Prosekuzzjoni iggibu l-ahjar prova, u li jippruvaw l-prova taghhom lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni,[3] li tistrieh biss fuq xhud ta' minuri li kienet esposta ghall hafna instabbilita' f'hajjietha u li l-istess Qorti tal-Magistrati Malta, Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, diga kellha l-opportunita' taghti opinjoni fuq wiehed mill-allegazzjonijiet ta' Abbuz sesswali li ghamlet il-minuri, propju fuq iz-ziju l-iehor, ***fil-kawza*** *il-Pulizija vs.*

[3] Diritto Penale, Vol III Kap IV, pagna 234

*Omissis*, ***per il-Magistrat Audrey Demicoli***[4]. Tant li kienet l-istess Qorti, hekk kif diversament presjeduta, li fuq l-import ta' **imputazzjoni simili u identici** illiberat liz-Ziju tal-minuri, *Omissis*, minn kull imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u dan ghaliex gie tenut kont tal-fatt wkoll li l-verzjoni tal-minuri ma kellhiex mis-sewwa.

Il-minuri fix-xhieda taghha, mhux talli lanqas taqbel fuq l-ammonti tal-okkazjonijiet li allegatament saru l-incidenti ta' abbuz, izda la kienet taf semmi dati, hinijiet u granet ta' meta allegatament graw l-incidenti, talli m'hemm korroborazzjoni ta' xejn bi prova/i ohra.

Di fatti u b'mod iktar specifiku, l-appellanti jaghmel referenza ghall-process, u senjalatamnet ***A folio 84*** tal-process, l-istess minuri qalet: *"Kien ghamel habta imbaghad, ma nafx meta"* liema xhieda taghha turi kemm mhijiex certa minn dak li qeghda tghid. A ***folio 88***, meta mistoqsija *"Qatt ghamel xi haga differenti minn hekk"* il-minuri tirrisponi *"ma nahsibx"*, igifieri lanqas fuq in-natura tal-allegat abbuz ma kienet certa. Ghal darbohra, filli tghid ***a folio 87***, li **darba biss kien hemm allegat abbuz fil-hanut Omissis**, u biss ftit sekondi wara, ***a folio 89*** tal-process, tghid is-segwenti: *"kemm il-darba grat gol-hanut? Ifhimni, meta kont immur ghandhom hemmhekk, konna nqattghu hafna sieghat igifeiri l-hanut,* ***imma nahseb aktar minn darba zgur. Ma niftakarx bl-amment imma aktar minn darba zgur".***

Illi diskrepanza ohra, li tohrog cara hija li fil-bidu tat-testimonjanza taghha hija tghid b'certezza li kellha 13-il sena, izda ftit tal-minuti wara u hekk kif it-testimonjanza kompliet, tghid ***a folio 97*** tal-process, li fil-verita 14-il sena kellha u mhux 13-il sena. Diskrepanza ohra li tohrog hija, li f'mument minnhom tghid li hija tibza' minn *Omissis*, l-appellanti, u f'mument iehor tindika, propju ***a folio 121*** tal-process, li hija kienet tiehu pjacir bl-allegat incident u kien ikollha sensazzjoni ta' pjacir.

---

[4] Deciza fis-26 ta'Frar tas-sena 2016

Diskrepanza ohra tohrog, mill-kwerela li saret fejn hemm indikat id-drabi tal-allegat abbuz, frekwenza u anke okkazzjoni ohra fejn skond ir-rapport tal-haddiema socjali, l-minuri kienet qaltilhom li allegatament l-appellanti talab sess orali, izda l-minuri **qatt** la meta tkellmet mal-Ufficjal Prosekutur u lanqas meta xehdet, qatt ma semghet sess orali. Allura li kieku vera din sehhet u kienet tant herqana li tirraporta u tixhed tant li hemm mal-20 faccata testimonjanza taghha, ghalfejn naqqset milli ssemmi dan l-allegat incident fejn allegatament l-imputat talba ghas-sess orali quddiem il-Qorti, izda irrakontat storja bla bazi u bla provi lill-haddiema socjali taghha. F'dan is-sens ara ***Dok. CF*** li qieghed ***a folio 140 et sequitur,*** tal-process.

Illi ghalhekk u b'konkluzjoni fuq dan l-ewwel aggravju, l-appellanti umilment jirrileva li meta wiehed iqis id-depozizzjoni tal-minuri, u jistrieh fuqha biss u fuq il-komportament taghha, li kien wiehed laxk hafna, wiehed ma jistax jiskarta l-fatt illi hemm diskrepanzi serji ta' importanza kbira fir-rakkont taghha, li certament kienu jwassllu lill-Ewwel Qorti kieku sar apprezzament tal-prova b'mod tajjeb sabiex tinduna u tasal ghal konvinciment morali li l-verzjoni tal-minuri m'ghandhiex mis-sewwa, u li anzi, kif kien diga sehh f'okkazjonijiet ohra fejn l-allegata vittma allegat fil-konfront ta' terzi, li dik il-verzjoni propju kienet messa en scena min-naha tal-minuri.

Bl-ikbar dovut rispett, certament li bix-xhieda tal-minuri u l-provi mressqa, il-Prosekuzzjoni ma lahqitx il-grad tal-prova necessarja fil-kamp penali u cioe dik li hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, filwaqt li l-appellanti kellu biss jipprova sal-livel tal-probabilita' t-tezi tieghu, ghalhekk a bazi ta' xhieda li kellha quddiemha, l-ewwel Qorti ma setghetx tiehu l-verzjoni tal-minuri bhala dik veritiera.

2. Illi fit-tieni lok, it-tieni aggravju li qieghed iressaq l-appellanti huwa l-fatt li l-Qorti tal-Magistrati (Malta), fl-umili fehma tieghu, ma tatx bizejjed piz ghall-massima legali *"corrumpa non corrumpitur".*

Bid-dovut rispett, l-appellanti jirrileva li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova uhud minn l-elementi kardinali tar-reati li bihom jinsab akkuzat huwa u dan peress illi ma saritx il-

prova illi bl-allegat atti illi allegatament seta' ghamel l-appellant bihom il-minuri giet korrotta, iktar milli diga kienet.

Illi fuq dan l-aggravju, l-appellanti ha jaghmel diversi menzjonijiet ghal kawzi precedenti u ghal gudizzji precedenti fuq il-materja. Ghalhekk qieghed issir accenn ghal sentenza deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v George Portelli***[5]***,*** fejn inghad li il-gudikant ghandu jaghmel l-apprezzament tieghu tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u jqabbel in-natura tal-att mal-grad ta' korruzzjoni gia milhuq mill-minuri biex jara jekk dak l-att kommess fuq il-persuna jew anke fil-prezenza biss tal-minuri, jista' attwalment jinghad li bih l-persuna giet korrotta.

Fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "*Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino*[6]" intqal is-segwenti:- "*Il-persuna korrotta ghandha d-dritt illi ma tigix ulterjorment korrotta, u hadd ma ghandu d-dritt li impunement jispingiha aktar fit-triq tal-korruzzjoni, jew jimpedilha l-possibilta' tar-rigenerazzjoni.*"

Izda pero, l-Qrati taghna recentement filwaqt li jabbraccjaw it-taghlim tas-sentenza appena citata, inghad li kull kaz ghandu jittiehed holistikament, l-eta, l-esperjenzi u l-hajja tal-minuri kollha kellhom jigu annalizzati sabiex jinghad jekk hemmx htija jew le taht dan l-Artikolu fir-rigward ta' jekk minuri kienetx diga korrotta jew le.

Illi ghalhekk, l-imputat jaghmel referenza ghall-kawza ohra, fl-ismijiet *Il-Pulizija vs. Ommissis A*[7]***, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali, per il-Magistrat Dr Ian Farrugia LL.D.,*** fejn intqal hekk:

*"Madankollu, ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni u cioe` dik li titratta r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, jirrizulta fatt importatni fl-atti li hu ta' importanza u relevanza*

---

[5] Deciza nhar l-ghoxrin ta' Frar 1975

[6] Deciza nhar it-30 ta marzu 1963.

[7] Deciza fil-31 ta' Jannar tas-sena 2017

*sostanzjali. Apparti l-fatt mhux kontradett illi Ommisssis B kienet tfajla ta' 16-il sena, hija kienet stqarret b'mod car u volontarju illi qabel din l-esperjenza li kellha fil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' Settembru 2003, hi kien gia kellha esperjenzi ohra ta' namur ma' rgiel ohra u esperjenza wahda ohra ta' att sesswali (intercourse) ma' ex boyfriend taghha. Dawn huma rizultanzi processwali ta' piz sostanzjali. U din il-Qorti hi tal-fehma - wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, principalment l-eta` ta' Ommisssis B (16-il sena) u l- 4 attivita sesswali taghha, precedenti ghall-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' Settembru 2003 - li mehud kollox flimkien, ma jikkonkorrux flimkien provi bizzejjed sabiex l-imputat jista jinstab hati ta' korruzzjoni ta' minorenni skond l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu"*

Illi fid-dawl ta' din il-gurisprudenza u dawn il-principji legali, l-appellanti ghal darbohra bl-ikbar dovut rispett ifakkar lil din il-Qorti, li din ma kienetx l-ewwel darba li l-minuri ghamlet rapport li xi persuna adulta messha, jew abbuzaha. Kienet ghamlet sensiela ta' allegazzjonijiet ta' abbuz sesswali fuq diversi nies, l-iktar wiehed antik jirresali ghal meta hija kellha biss 5 snin. Kien hemm allegazzjoni ta' relazzjoni sesswali wkoll ma' ziju l-iehor li gie illiberat s-Sur *Omissis*, li meta harbet minn ghand il-genituri adottivi s-Sinjuri *Omissis*, huwa spicca ha hsiebha ghal sena shiha, imbaghad l-imputat nnifsu li l-istess ghamel sena shiha jiehu hsiebha u jipprovdi ghall-minuri matul il-weekends u xahar shih f'Awwissu, u kif ukoll qalet li meta kienet zghira hi giet korrotta wkoll minn certu sieheb ta' ommha, li hija dejjem ghajtitlu bhala *Omissis* tat-Taxi meta kellha 5 snin ara f'dan is-sens dak li qalet il-minuri ***a folio 111*** tal-process. Finalment kien hemm ukoll okkazzjoni ohra ta' allegat abbuz min-neighbour t'ommha, li wkoll ghamlet allegazzjoni fuqha meta kellha 9 snin.

Ghaldaqstant, meta wiehed jiehu l-assjem tal-provi kollha, l-background tal-minuri u anke l-fatt li din kellha attaggjament sesswali, fejn anke ddikjarat fil-Qorti waqt ix-xhieda taghha li hija timmasturba kuljum sabiex torqod, u kienet taghmel dan minn eta' zghira hafna, kollha jwasslu ghal fatt u ghal konoxxenza li sfortunatament l-minuri kien ilha li giet esposta ghas-sess, u atti sesswali ohra tant li anke jekk ghas-sahha tal-argument wiehed kellu jemmen il-verzjoni taghha, minflok dik mressqa mid-difiza tal-appellanti

xorta wahda ma jistax jinghad li saret korruzzjoni tal-minuri *Omissis*. B'iktar mod specifiku, l-appellanti jaghmel referenza ghal ***folio 116 u 117*** tal-process, fejn l-istess minuri tghid li l-agir sesswali taghha, li tmiss il-parti privata taghha kienet taghmilha anke quddiem il-familjari taghha u cioe` quddiem l-istess appellanti, *Omissis*, bint l-appellanti u darba anke qabditha zitha, Zija *Omissis*.

Illi ghalhekk turi li fil-perjodu ta' qabel u anke waqt l-allegat incident, il-minuri kellha gharfien sesswali bizzejjed sabiex tirrikonoxxi l-fatt ta' masturbazzjoni, u kienet taghmilha kuljum, tant li qalitha iktar minn darba illi jekk ma taghmilix hija ma torqodx. Ghal dan l-iskop, l-appellanti qieghed jaghmel referenza ghal ***folio 112,*** fejn tghid is-segwenti

*"Mela, qed isaqsik l-avukat spiss kienet [ b'referenza ghal Omissis] taqbdek lilek tilghab bil-parti privata tieghek u meta keinet tistaqsik x'qed taghmel kont tghidilha, ghax ma nkunx nista norqod jekk ma naghmilx hekk? Iva, vera."*

L-istess verzjoni ezatt u cioe` li l-minuri kellha diga *sexualised behaviour* qabel l-allegati incidenti, giet ikkonfermata wkoll minn *Omissis*, fix-xhieda taghha tal-20 ta' Jannar tas-sena 2016. In oltre, hija stess, il-minuri, waqt ix-xhieda taghha kompliet tghid hekk u spjegat li hija kienet ben konxja tal-atti sesswali u x'kienu, tant li ***a folio 120*** tal-process, meta giet mistoqsija mill-Avukat tad-difiza jekk dawn l-affarijiet kienux godda ghaliha, jew jekk kienetx taf x'inhuma, hija qalet is-segwenti: *"Kont naf x'inhuma, mela".*

Ghalhekk huwa verament inverosimili, li anke jekk ghas-sahha tal-argument, din il-Qorti ghandha temmen li l-allegati incidenti fil-verita sehhew, huwa impossibbli li fil-konvinciment morali taghha, din il-Qorti tista' qatt tasal ghall-konkluzjoni li l-minuri *Omissis* giet korrotta. Specjalment, meta qabel l-allegazzjonijiet imressqa fil-konfront tal-appellanti, l-istess minuri kienet skond dak li rrakkontat hija stess, giet esposta ghal atti sesswali shah u ta' portata ikbar.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta ta' nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), l-Uffiċjal Prosekutur esebiet numru ta' dokumenti inkluż il-karta tal-identita' tal-imputat u stqarrija, liema stqarrija kienet fis-sentenza tal-Ewwel Qorti sfilzata u dikjarata inammissibli. L-imputat f'dik is-seduta kien irreġistra ammissjoni għall-akkużi u d-difiża kienet talbet li jitħejja pre-sentencing report.

Fis-seduta tat-12 ta' Marzu, 2012, l-appellant kien reġa rreġistra ammissjoni wara li reġa sar l-eżami tal-appellant. Fis-seduta ta' nhar it-tlieta (3) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) xehdet **Antonella Spagnol,** Probation Officer li esebiet il-pre-sentencing report li ħejjiet flimkien ma numru ta' dokumenti.

Fis-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) id-difiża ddikjarat li l-atti huma monki peress li wara li l-imputat ammetta l-akkuża fis-seduta tat-12 ta' Marzu, 2012, l-proċedura fl-artikolu 453 tal-Kapitolu 9 ma ġietx seggwita billi huwa ma ngħatax iż-żmien skont il-liġi sabiex jerġa jirrikonsdira l-ammissjoni reġistrata minnu. Il-Qorti fid-dawl tal-verbal magħmula mid-difiża u billi n-nota ta' rinviju tal-Avukat Ġenerali ma ġietx moqrija l-Qorti ordnat li l-atti jiġu rinvjati lil Avukat Ġenerali.

Fis-seduta tal-erbgħa (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012), id-difiża rtirat l-ammissjoni reġistrata mill-imputat u żammet ferm l-eċċezzjoni tan-nullita tal-atti.

Fis-seduta ta' nhar it-tmienja (8) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) xehdet l-**Ispettur Louise Calleja** fejn spjegat li f'Ottrubru tas-sena l-oħra Samuel Fenech, ħaddiem soċjali ġewwa c-Child Protection Unit fi ħdan l-Aġenzija *Omissis* kien irrefera każ ta' abbuż sesswali li ġie allegat minn *Omissis*, minuri, dwar żewġ persuni maskili, membri tal-familja skont ir-rapport. Tgħid li din il-Minuri *Omissis* ('il-minuri') twieldet fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sitta u disgħin (1996) u kienet residenti ġewwa *Omissis*. Tgħid li tkellmet magħha fil-preżenza tas-social worker Samuel Fenech. Tgħid li l-minuri allegat li ġiet abbużata sesswalment minn żewġ persuni tal-familja li rreferiet għalihom bħala *Omissis* u *Omissis*. Irreferiet għal abbuż sesswali fosthom li kienu jmissulha l-partijiet privati tagħha, sidirha u masturbazzjoni fil-preżenza tagħha. Hija spjegat li l-abbuż minn *Omissis*, ir-raġel taz-zija tagħha kien sar fil-farm tiegħu ġewwa *Omissis* u fil-grocer tiegħu ġewwa *Omissis*.

Tixhed li hi ħadet il-verżjoni tagħha kif ukoll fil-kontront tal-persuna oħra li mhijiex hawnhekk akkużata u wara li tagħta spjegazzjoni tal-abbuż dwar dak li kienet għaddejja minnu, ix-xhud talbet l-arrest taż-żewġ persuni. Hija għarfet lil-imputat fl-awla li kien ġie arrestat u interrogat dwar dan l-abbuż. Tgħid li l-minuri mietulha l-ġenituri tagħha, kien hemm perjodu fejn kienet tgħix mal-ġenituri addottivi, imbagħad kien hemm perjodu wkoll li kienet tgħix miegħu mal-familja tiegħu ġewwa *Omissis*. Tgħid li huwa qal li kien hemm sitwazzjoni fejn hu kien għamel ċertu atti sesswali magħha, fosthom li kien imiss il-parti tiegħu mal-warrani tagħha, kien jeċita ruħu u għaldaqstant kien imbagħad jimmasturba u jeġakula fil-preżenza tagħha.

Tgħid li hija kienet ħadet l-istqarrija tiegħu wara li tkellem magħha fuq dan ir-rapport. L-istqarrija ħaditha fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar tas-sena meta ngħatat ix-xhieda, wara li kien ġie mgħoti d-dritt li jitkellem ma' Avukat u kien ħadu dan id-dritt. Tgħid li kienet tagħtu s-solitu twissija fil-preżenza ta' PC1359 għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħaxija (5:00pm). Fl-istess ġurnata huwa kien irilaxxa din l-istqarrija u spjega l-affarijiet kif kienu ġraw bejnu u bejn il-minuri. Dawn kienu jammontaw għall-attivita sesswali. Tixhed li hu

kien jaf li l-minuri hija taħt l-etá u l-fatt li tiġi minnu. Tgħid li hu qal li hija t-tifla ta' oħt il-mara peró oħt il-mara hija mejta u kif spjegat, il-ġenituri tal-minuri huma mejta. Tgħid li ffirma l-istqarrija u tgħid li qiegħda tgħaraf il-firma tagħha, tal-imputat u ta' PC1359 Reuben Zammit.

Tgħid li wara li ammetta dawn l-akkużi, hija resqitu quddiem il-Qorti fil-25 ta' Jannar u akkużatu bl-akkużi kif dedotti, jiġifieri dwar il-korrużzjoni ta' *Omissis* u l-parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali magħha, kif ukoll peress li qal li ċertu attivitá ġrat, għal mument meta huma kienu fil-farm u fil-grocer tiegħu li huma aċċessibli għall-pubbliku. Tgħid li ħassu li kellhom jakkużawh li offenda l-pudur jew il-morali b'għemil li sar f'lok pubbliku jew lok espost għall-pubbliku. Ġie preżentat estratt taċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri.

Spjegat li l-istqarrija li ħadet lil *Omissis* mhijiex fil-proċess għaliex hija parti mir-rapport. Tispjega li hija tkellmet magħha fil-preżenza ta' WPC 328 Monica Bartolo u fil-preżenza ta' WPS209 Rachel Aquilina kif ukoll kien preżenti l-ħaddiem soċjali Samuel Fenech. Tgħid li l-minuri kienet *legally adopted*, għamlet xi perjodu mas-Sinjur u għamlet perjodu mal-familja l-oħra fejn saret l-allegazzjoni wkoll dwar l-abbuż sesswali.

In kontro-eżami ikkonfermat li l-minuri kienet legalment addottata minn familja mingħaliha mis-Siġġiewi pero' tgħid li trid tivverifika għax il-file qiegħed l-Aġenzija *Omissis*. Tikkonferma wkoll li kienet telqet mingħand l-adoptive parents, jidhirla minħabba allegazzjonijiet ta' *physical abuse*. Xehdet li jidhrilha li l-ewwel li marret kien għand is-Sinjur *Omissis* imbagħad għand is-Sinjur Omissis. Tgħid li mill-file għand l-Aġenzija *Omissis* li ser jiġi ppreżentat ikun hemm eżatt x'ġara. Mistoqsija jekk irriżultaliex li għamlet allegazzjonijiet anke fuq taxi driver, tgħid li mir-rapport ma jirriżultax. Tgħid li hi tkellmet biss mat-tifla tal-imputat u ma tkellmet xejn fuq il-karattru tal-minuri. Tgħid li l-minuri kienet semmiet it-tifla tal-imputat li setgħet kienet hemmhekk xhud jew waqt ċertu kunfidenzi li kellu s-Sinjur mal-minuri u mat-tifla tiegħu, għalhekk bagħtu għaliha.

Tgħid li ma rriżulta xejn u ma ħadu l-ebda passi kriminali. Tgħid li fuq il-post ma marritx u ma tafx jekk huwiex sigur b'xatba.

Mistoqsija jekk il-grocer kienx ikun miftuha għall-pubbliku jew kienx jagħlaq wara nofsinhar tgħid li jidher li kien hemm mumenti li jidher li ma kienx miftuh għall-pubbliku.

Fis-seduta ta' nhar is-sebgħa (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed is-Social Worker **Samuel Fenech** li spjega li jaħdem fi ħdan l-Aġenzija Support u dak iż-żmien l-Aġenzija *Omissis*. Xehed li huwa beda jsegwi lil minuri f'Diċembru tas-sena elfejn u ħamsa (2005). Jgħid li omm il-minuri mietet f'Frar tas-sena elfejn u sitta (2006). Jgħid li bdew jaħsbu għal pjan għat-tfal peress li ma kienx hemm ġenituri li jidhru għal din il-tifla. Jgħid li eventwalment l-advisory board responsabbli mill-minuri *Omissis* kien irrakomanda li hi u huha jiġu addottati flimkien. Jgħid li ġew addotati flimkien, jgħid li ppruvat tissetilja fil-place of adoption iżda imbagħad f'Settembru tas-sena l-oħra ħarbet mingħand il-ġenituri addottivi tagħha, jgħid li għamlet allegazzjonijiet fil-konfront tal-omm addottiva fejn qalet li kienet sawtitiha iżda li waqgħet iżjed tard u minn hemmhekk marret tgħix għand iz-zijiet tan-Naxxar.

Jgħid li l-pjan kien li tibqa' tgħix maz-zijiet tan-Naxxar imma imbagħad fl-20 ta' Settembru, 2011 irċievew telefonata mingħand iz-zijiet tan-Naxxar li l-minuri kienet ilha tgħix maz-zijiet *Omissis*, mas-Sinjuri Omissis għal madwar xahar u li kienet qiegħda tibki u tinsisti li ma tridx tibqa' tgħix hemmhekk għand iz-zijiet *Omissis* jiġifieri mas-Sinjuri *Omissis*. Jgħid li huwa kien infurmat mingħand iz-zijiet dakinhar li l-minuri marret tgħix maz-zijiet *Omissis*. Xehed li eventwalment għamlu kuntatt maz-zijiet tal-minuri. Jgħid li l-minuri dakinhar kienet iddispjaċuta ħafna, riedet titlaq akkost ta' kollox dak il-ħin. Jgħid li għamlu kuntat ma *residential home* fejn kienet tgħix il-minuri fil-passat meta ommha kienet ħajja peress li ommha kienet tidhol ta' spiss l-isptar minħabba d-diabete. Xehed li dak in-nhar stess l-20 ta' Settembru, 2011, għamlu l-arranġamenti biex il-minuri

toħroġ minn hemmhekk b'mod immedjat, ħarġuha u ħaduha ġewwa d-dar residenzjali. Jgħid li l-minuri kienet imbikkma ħafna, kienet iddispjaċuta, qalet li meta ġew biex jitilqu qalet *bye* lil familjari tagħha, lis-Sinjuri *Omissis* lil kuġina *Omissis* u x'ħin daħlet fil-karozza eżatt kif saqu mal-ewwel b'mod iddispjaċut li bdiet tirrakonta l-affarijiet u kien ġibdilha l-attenzjoni li ma kienx il-mument peress li fil-karozza u li ħa jkollhom ċans jitkellmu fuq dawn l-affarijiet. Jgħid li kif waslu fid-dar residenzjali tkellmu mal-minuri.

Jgħid li għamlu madwar sagħtejn/sagħtejn u nofs fejn il-minuri bdiet tagħmel dawn l-allegazzjonijiet fil-konfront tas-Sur *Omissis*. Kien hemm xi affarijiet li kienu ġraw fil-passat, kienu jmorru lura għall-2005, meta f'dak iż-żmien t-tifla kienet iżgħar kienet diġa'' għamlet xi allegazzjoniet. Pero' fuq allegazzjonijiet riċenti tas-sena l-oħra, hi allegat li s-Sur *Omissis* Mifud kien jieħodha ġewwa razzett *Omissis* bl-iskuza biex jitma l-klieb u kien wieħed mill-postijiet fejn kien jiġri l-allegat abbuż. Xehed li meta tkellmu mal-minuri staqsewha jekk qattx kienet tkellmet ma xi ħadd fuq dawn l-affarijiet u hi stqarret li kiene tibża li jekk titkellem ħa tkisser familja għax ħa tikxef dawn l-affarijiet.

Xehed li fost allegazzjonijiet li kienet għamlet, kienu li s-Sur *Omissis* kien jarax fil-parti privata kemm lil *Omissis* u lil bintu *Omissis*. Jgħid li qalet li kien jaqbdilhom il-partijiet privati tagħhom ġieli anke fil-preżenza ta' martu *Omissis*. Jgħid li l-minuri qalet li jekk kienu ser jiġu kkonfrontati, s-Sinjuri *Omissis* u binthom kienu se jinnegaw l-allegazzjonijiet biex jipproteġu lis-Sur *Omissis*. Jgħid li l-minuri qalet li dawn ġraw madwar erba' (4) darbiet dawn l-episodji fejn kien imissha minn fuq il-ħwejjeġ, kien jitloba tinża xi ħwejjeġ ta' taħt, kien iħokk il-parti tiegħu mal-parti tagħha, jipprova jdaħħal il-parti tiegħu f'tagħha waqt hi tkun liebsa l-qalziet ta' taħt sakemm jeġakula.

Xehed li qalet li kien hemm mumenti fejn hi kienet tħoss il-parti tas-Sur Mifaud imqajjem. Qalet li ġieli kien hemm mumenti fejn hu '*ippogiha go hogru thares lej, facing lejh u kien hemm mumenti, fejn, kien ikun hemm drabi fejn kien ikollha sserrah ma tank li kien hemm fir-razzett u gieli anke sserrah ma xi fridge illi kien hemm fil-hanut tieghu.*' Jgħid li hi qalet li dawn

ġraw madwar erba' (4) darbiet, madwar darbtejn fir-razzett *Omissis* u darbtejn fil-ħanut tiegħu. Jgħid li l-minuri qalet li l-ewwel darba li kien ipprova jagħmel dan is-Sur *Omissis* kien waqaf maħsud peress li kienet dieħla *Omissis* fil-ħanut. Kien hemm darba minnhom li daħħal sebgħu fil-parti tagħha u meta beda jdaħħal u joħroġ subgħajh hi bdiet tisma xi hsejjes tal-likwidu li kien ħiereġ mill-parti tagħha u s-Sur *Omissis* kien qalilha li dawn l-ħsejjes qed jiġu minħabba li '*tkun qeghda tishon.*'

Xedhet li l-minuri qalet li dawn l-affarijiet bdew jiġru minn wara li t-tifel il-kbir tas-Sur *Omissis* iżżewweġ. *Omissis* iżżewweġ f'Lulju, 2011. Qalet ukoll li s-Sur *Omissis* ġieli qalilha li hu kien jagħmel dawn l-affariet għaliex il-mara tiegħu kienet għaddejja mill-memopawża u minħabba f'hekk ma kienx ikollhom atti sesswali bejniethom.

Jgħid li l-minuri kienet ikkonkludiet bl-aħħar inċident li skont il-minuri kien seħħ fit-tmintax (18) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħdax (2011) fejn is-Sur *Omissis* kien stieden lil minuri biex ikollha sess orali maghha u biex idahhal il-parti tiegħu f'ħalqha waqt li kienu fil-ħanut iżda f'dawk iċ-ċirkostanzi hi kienet irrifjutat mal-ewwel u telqet mill-post. Il-minuri tgħid li saret taf li ommha għaddiet minn abbuż sesswali mis-Sur *Omissis* qabel ma mietet għax is-sur Mifusd darba qalilha li hi aħjar minn ommha għax hi tisħon iżjed minnha.

Jgħid li l-minuri qalet ukoll li *Omissis*, it-tifla tas-Sur *Omissis* u hi kien hemm drabi fejn kienu jimmodellaw bil-ħwejjeġ ta' taħt, qalet li kienet tħossha sfurzata li timmudella quddiem is-Sur *Omissis* iżda *Omissis* ma kinitx tkun sfurzata għaliex skond il-minuri kienet xi ħaġa normali, u kien hemm darba minnhom fejn skond il-minuri, is-Sur *Omissis* kien anke niżżel il-qalziet ta' taħt ta' martu quddiemha u t-tifla tiegħu *Omissis*.

Jgħid li l-minuri qalet li fost affarijiet oħra ġieli kien joffendiha u jinsulentaha bi klimkien li kienu juża kliem oxxen u darba irrakontat fejn kellha ħolma kerha bil-lejl u bdiet

tgħajjat, waqt li rieqda, staqsiha x'kienet il-ħolma tagħha pero' ma ftakritx, pero' qalet li tiftakar li kien daħal is-Sur *Omissis* f'kamritha u qallilha li ser jipprova jippentraha.

Jgħid li dawn l-allegazzjoni huma li l-minuri allegat li ġraw riċentement f'Settembru 2011. Biss qabel mietet omma qalet li kien hemm drabi wkoll li abbuża minnha u qalet lil professjonisti biex ma jafdawx lit-tfal ma-familja *Omissis* minħabba s-Sur *Omissis* għax skont il-minuri l-omm bijoloġika tagħha kienet tibża titkellem għax tkisser żwieġ tal-familja tagħhom. Jgħid li f'Mejju 2005 kien hemm social worker waqt li kienet qiegħda twassal lil minuri u huha *Omissis* l-iskola u kienu bdew l-allegazzjonijiet.

Fuq mistoqsija spjega li l-allegazzjonijiet tal-2005 kienu jirrigwardaw lis-Sur *Omissis* fejn kien jagħrax lil minuri u jaqbdilha l-partijiet privati. Il-minuri qalet li huha *Omissis* qalilha li suppost dawn l-allegazzjonijiet jgħiduhom lis-social worker tagħhom. Il-minuri kienet qalet li s-Sur *Omissis* kien jagħmel dawn l-affarijiet biex jiċċajta imma kienet tħossha skomda xorta waħda.

F'Lulju 2010 jgħid li ltaqgħu mal-Kummissarju tat-Tfal fejn kien hemm preżenti hu, s-Sinjuri *Omissis* mal-Avukat tagħhom Dr Victor Scerri, il-Kummissarju tat-tfal u l-avukat tal-aġenzija u ppruvaw jagħmlu pjan kif ikollhom kuntatt mal-minuri *Omissis* waqt li tkun addottata mal-familja biljoloġika tagħha mingħajr ma jkollha ħsara għar-raġuni li l-minuri kienet timmissja ħafna lil kuġinta *Omissis*. Tgħid pero' akkost ta' kollox ma riditx tiltaqa' mas-Sinjuri *Omissis*. Qal li bdew ilaqqgħu lil minuri ma *Omissis* fil-preżenza tiegħu pero' kif spjega kien hemm episodju fejn il-minuri ħarbet mingħand l-*adoptive parents* u marret bil-ħsieb li tgħix maz-zijiet tan-Naxxar.

Jgħid li dak in-nhar tal-laqgħa mal-Kummissarju tat-Tfal, is-Sur *Omissis* kien innega l-allegazzjonijiet li kien hemm fil-passat. Fil-ħdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), huwa u s-Sur Brian Magro, rappreżentant tal-Ministru peress li l-minuri kienet protetta b'*care order*, telgħu jixdu fuq talba tal-Qorti peress li s-Sinjuri *Omissis* kienu talbu li jieħdu

l-kura tat-tfal u tiġi revokata il-*Care Order*. Pero' li eventwalment fit-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), il-Qorti ma aċċettatx it-talba tal-kopja *Omissis* biex jieħdu l-kura u l-kustodja tat-tfal u jgħixu magħhom minħabba l-allegat abbuż.

Spjega li huwa ma għadux isegwi lil minuri *Omissis* peress li mexa għal servizz u aġenzija oħra. Jgħid li l-minuri qiegħda tiġi segwita minn Ariana Camilleri. Huwa għaraf lill-imputat. Spjega li meta l-minuri tkellmet miegħu fl-2011 jgħid li ddiskuta mal-ħaddiema soċjali tac-*Child Protection* u kien hemm bżonn li jiġi formolat rapport sabiex dan jintbagħat il-Vice Squad u minn hemm beda l-proċess biex jipproteġu lit-tifla. Jgħid li fil-preżent il-Minuri mhijiex taħt il-kura tal-Ministru jiġifieri b'*care order* peress li hija addotata. Jgħid li l-aħħar li jiftakar qabel ma ttermina l-impjieg tiegħu hija kienet qiegħda tgħix ġewwa dar residenzjali bil-ħsieb li jkollha kuntatt ma' familja oħra kif xtaqet il-minuri. Spjega li meta tkellmet miegħu kienu preżenti wkoll Collette Farrugia Bennet *coordinator* tiegħu ta' dak iż-żmien u Sister Madeleine Cauchi, il-house mother social worker tal-home.

In kontro-eżami ikkonferma li saret case conference fl-Aġenzija *Omissis* fejn kien preżenti l-Avukat Dr Andy Ellul. Jgħid li din kienet fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għaxra (2010) u li għalhekk kien ilu jsegwi lil minuri għal ħames (5) snin. Spjega li kien hemm rapporti, allegazzjonijiet fil-konfront tas-Sinjuri *Omissis* li l-minuri tirreferi għalihom bħala z-zijiet tan-Naxxar u kien hemm ċertu wieħed *Omissis* tat-taxi pero’ l-allegazzjonijiet qatt ma kienu fid-dettall qisu, dejjem fuq speċjalment is-sur *Omissis* u s-Sur *Omissis*. Mistoqsi jekk jiftakarx li kienet issemmi lil xi ħadd ieħor li kienet tirreferi għaliha bħala n-neighbour li kienet ġiet abbużata minnu wkoll wieġeb li le, li qatt ma qaltlu.
Mistoqsi li meta saret il-*case conference* ix-xhud kien ta x'jifhem li mhijiex kredibli u fuq mistoqsija tal-Qorti jekk bħala Aġenzija *Omissis* qatt kelhom xi dubji dwar il-kredibilita' tagħha, xehed li d-diffikulta kienet li qiegħed jirreferi għaliha Dr. Ellul li meta l-minuri ħarbet mingħand l-*adoptive parents* tagħha, l-għada ġew iz-zijiet kollha bit-tifla l-*Omissis*

jgħidu li kien hemm swat minn naħa tal-*adoptive monther* u l-minuri kienet qiegħda tgħid li mhuwiex minnu li kien hemm xi affarijiet relatati ma' abbuż sesswali fil-passat. Qal li dak in-nhar kellmuha waħedhom u qalet li mhux vera kien hemm dan l-abbuż fil-passat jiġifieri fl-2005. Qal li aktar tard, *Omissis* kienet qalet li meta kien inqala' dan l-inċident tal-20 ta' Settembru 2011, hi kienet qiegħda tittama bil-kbir li z-zijiet, spjeċalment iż-żiju kien ser jinbidel, li z-ziju mhux ser ikun iz-ziju li kien qabel, ma kienux jiġru l-istess affarijiet u hi qisha xtaqet illi tagħti ċ-ċans, mietet omma, l-*adoption* ma ħadmitx u xtaqet tagħti ċans li tagħmel kuntatt u jkollha futur mal-familja bijoloġika tagħha.

Jgħid li waqt il-*visits* ma kienx hemm problemi ma' *Omissis*. Mistoqsi jekk il-familjari tal-minuri inkluż il-familja *Omissis* ġieliex kellmuh fuq l-attitudni tal-minuri wieġeb li parti minn xogħlhom kien li waqt li qiegħda tgħix mas-Sinjuri *Omissis* jaraw kif inhi sejra, jgħid li t-tfal tas-Sinjuri *Omissis* bilkemm kienu jissemmew. Jgħid li qatt ma ddiskuta fuq it-tfal tagħhom huwa.

Xehed li l-pożizzjoni tal-Aġenzija kienet li diment li l-minuri b'saħħa ma riditx tibqa' tgħix għand il-ġenituri addottivi tagħha u tagħti ċans lilha nnifisha tissetilja fi placement maz-zijiet *Omissis* in-Naxxar, tibqa' tgħix hemmhekk għalissa sakemm jiddiskutu u jillejżjaw ma' professjonist oħra, parir legali peress li l-kura u kustodja hija f'idejn il-ġenituri addottivi tagħha. Jgħid li ma kienx konvint li tmur għand is-Sinjuri *Omissis* u li d-deċiżjoni aħħarija imbagħad ta' dik il-case conference kienet li tmur tgħix mas-Sinjuri *Omissis* sadanittant, sakemm jieħdu parir legali u jaraw kif l-affarijiet isolvu ruħhom bil-kuntatt b'xi mod ma huha u mal-ġenituri addottivi tagħha.

Ikkonferma li l-case conference kienet fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għaxra (2010) u kien ilu jsegwi lil minuri *Omissis* minn Diċembru 2005. Fuq mistoqsija tal-Qorti '*Xorta hadtu d-decizjoni li dawn imorru ghand is-Sinjuri Omissis, igifieri ma emmintuhiex?*' Jgħid li le, ir-raġuni kienet li l-minuri kienet qiegħda tgħid li dawn l-affarijiet ma ġrawx. Jgħid li l-allegazzjonijiet fil-konfront tas-Sur *Omissis* ma kienux fondati daqs tas-Sur

*Omissis* u jgħid li bħala Aġenzija biex tkun protetta t-tifla, jagħtu ċans minħabba li ma kienx hemm indikazzjoni eżatt x'ġara f'tas-Sur *Omissis* u kien hemm iżjed indikazzjoni f'ġara f'tas-Sur *Omissis*. Jgħid li l-kuntatt ikun kemm jista' jkun li ma jagħmilx ħsara, jagħtuha ċans mas-Sur *Omissis* imma definitivament mhux mas-Sur *Omissis*.

Fis-seduta ta' nhar l-għaxra (10) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tnax (2012) xehdet il-kwerelanta ***Omissis*** permezz tal-*video conferencing* li dak in-nhar tax-xhieda tagħha kellha sittax il-sena. Hija qalet li kellha tlettax-il sena meta tkellmet mal-Pulizija. Hija qalet li għamlet żewġ rapporti mal-Pulziija, wieħed fuq iz-Ziju *Omissis* u ieħor fuq iz-ziju *Omissis* u qabel kienet għamlet fuq *Omissis* u *Omissis*. Tgħid li dwar iz-ziju *Omissis* mhux ezatt għamlet rapport iżda kienet tkellmet ma' oħt iz-ziju li jismha *Omissis*. Qalet li hi ħaditha l-istitut biex tmur tkellem lil Sister Madeleine u minn hemm beda jiġi s-social worker. Tgħid li l-ewwel qalet lis-social worker imbagħad kien ħadha l-Qorti biex titkellem ma' waħda dwar dan ir-rapport, x'għamel u hekk. Tgħid li z-Ziju *Omissis* kien jieħodha biex jagħlfu l-klieb. Tgħid li huwa miżżewweġ lil oħt ommha. Tgħid li ilha li ġrat sentejn qisu meta kellha erbatax- il sena. Tgħid li kienet toqgħod għand iz-zija *Omissis*, imbagħad fil-weekend kienet tmur għand iz-ziju *Omissis*, qalet li qaltilha z-zija *Omissis* biex tmur toqgħod għand iz-Zija *Omissis* oħt ommha u kienet tmur u tqatta s-sajf hemm. Iz-zija *Omissis* hija l-mara taz-Ziju *Omissis*. Kompliet tgħid li z-Ziju *Omissis* kien jieħodha tagħlef il-klieb *Omissis* u kien joqgħod imissha fil-parti tagħha. Tispjega fi kliemha '*kien joqghod jorokha mieghi sakemm igibha.*' Tgħid li kien imissha b'idejha u imbagħad qisu kien '*joqghod joqmos*' wara l-warrani tagħha. Mistoqsija jekk il-parti tiegħu waqt li qiegħed joqmos kinitx tkun ġewwa l-qalziet jew barra l-qalziet wieġbet li ġol-qalziet imma li imbagħad kien joħroġa biex fi kliema '*ibattalha*'. Qalet li kien imissha fil-parti tagħha. Tgħid li '*kien ghamel habta imbaghad ma nafx meta, kien nizzilli l-qalziet imbaghad kien dahhal subajh tan-nofs u kont nisma' il-hsejjes.*'. Mistqosija xi ħsejjes? wieġbet '*Xi ħaga tfaqqa*''. Mistoqsija jekk kien qalilha xi ħaġa dak il-ħin wieġbet '*Qed tishon, qed tishon*' u li kien ikompli. Mistoqsija jekk kinitx tagħmel xi ħaġa meta qed jiġru dawn l-affarijiet tgħid li ma taħsibx li kienet, kienet tibża, ma kinitx twaqqfu.

Tgħid li kienet tibża ma jmulx jagħtiha daqqa jew hekk. Mistoqsija jekk kienx jgħidilha xi diskors wara li kienu jiġru dawn l-affarijiet, wieġbet li kien jgħidilha biex ma tmurx tparla tgħid li kien jgħidilha "*issa togħod tgħid lil hadd ta ghax irrid intik pjacir biss jiena*", biex ma tmurx ma ħadd ieħor u biex ma tparlax għax hu għal ġid tagħha biex jagħtiha pjaċir.

Mistoqsija kemm il-darba ġrat *Omissis* wieġbet li taħseb li erba' (4) darbiet. Mistoqsija jekk dejjem kien jiġri l-istess, wieġbet li iva wara li kienu jgħalfu l-klieb kien joqgħod jagħmlha hekk li semmiet. Tgħid li darba l-ħanut ukoll *Omissis*, fil-ħanut qisu grocer. Tgħid li '*kien hemm kamra fejn hemm il-fridge u kien joqghod jaghmel dawk l-affarijiet, kien joqghod jghorokha mieghi sakemm igibha.*' Ikkonfermat li kien jagħmel l-istess affarijiet li għamel *Omissis*. Twieġeb li ma taħsibx li għamel affarijiet differenti minn hekk. Tgħid li dejjem b'idejh messa fil-parti privata tagħha. Mistoqsija jekk qatt messielha xi parti oħra ta' ġisimha wieġbet sidirha fuq il-ħwejjeġ iżda ma jdaħħalx idejh minn taħt il-ħwejjeġ. Tgħid li '*qisu jorokomli*'. Mistoqsija kemm il-darba ġrat ġol-ħanut, wieġbet: '*Ifhimni, meta kont immur ghandhom hemmhekk, konna inqattghu hafna sighat igifieri l-hanut, imma nahseb aktar minn darba zgur. Ma niftakarx bl-amment imma aktar minn darba ovja.*' Tgħid li fil-ħanut kienu jiġru wara l-erbgħa għandu jkun. Tgħid li l-ħanut kien ikun miftuh għax kien jagħmel mis-sitta ta' filgħodu sa nofsinhar umbaghad jagħlaq u jerġa jiftah mit-tlieta għandu jkun sas-sebgħa. Tgħid li ma kienx jagħlqu l-ħanut xi drabi għax kien hemm it-tifla tiegħu taħdem hemmhekk.

Tgħid li qatt ma daħlu nies waqt dawn l-affarijiet peress li hu kien joqgħod jittawwal biex jara jekk gejjien nies. Tgħid li l-bieb iħallih imbexxaq kemm jara jekk hemmx nies. Tgħid li imbagħad kienu joqgħodu fejn hemm il-cashier u kien joqgġod imissli '*fejn mhux suppost*'. Meta mistoqsija fejn kien imisslek? Wieġbet '*F'oxxi*'. Tgħid li ma kienx ineħħila l-qalzirt. Tikkonferma li anke meta kienu jkunu fil-ħanut fejn kienu jidħlu n-nies ukoll kien imissha, mhux fil-kamra tal-fridge biss. Qalet li hemm camera fil-ħanut tonda mwaħħla mas-saqaf u kellu screen quddiemhom, quddiem il-cash register hemm screen

biex tista' tara min hu dieħel. Tgħid li minn wara l-fridge u wara l-bieb ma kienx hemm. Tgħid li ma kinitx tilħqu l-camera fejn kienu jiġru dawn l-affarijiet lanqas wara l-cashier.

Tgħid li xi kultant kien immisilha l-parti privata, kemm lilha kif ukoll lit-tifla tiegħu imma tgħid li mhux eżatt kif kien jagħmel lilha jiġifieri lil minuri. Tgħid li ma kienx joqgħod '*jorokha maghha sakemm igibha*'. Qalet li mhux fil-ħanut iżda eżempju fil-karozza kien '*imiss taghha hekk*'. Qalet li t-tifla ma kinitx tkun il-ħanut waqt li kienu jiġru dawn l-affarijiet. Ikkonfermat li f'dawn l-okkażżjonijiet li semmiet anke *Omissis* kienu jkunu waħedhom. Tgħid li t-tifla jisimha *Omissis* li kienet tkun għand ommha d-dar. *Omissis* ma kinitx tinżel kulljum, ma taħsibx li kuljum peress li xi kultant kien itiha leave u waqt li tkun id-dar per eżempju, hu jinżel il-ħanut biex hi tmur tiekol.

Mistoqsija x'kienet tmur tagħmel il-ħanut, wieġbet '*jien naf, mhux nghinhom jew xi haga?*' Qalet għax kienet tiddejjaq id-dar ma tagħmel xejn. Tgħid li ma taħsibx li qatt tkellmet ma *Omissis* dwar dan u lanqas *Omissis* qatt ma tkellmet xi ħaġa dwar missierha. Tgħid li hi kienet tarah imissha l-parti privata ta' *Omissis* eżempju fil-karozza. Bħala rigali tgħid li darba l-imputat tagħha mobile u minn hemm bdiet il-biċċa xogħol għax kienet ferħana. Marret tgħanqu u minn hemm bdew jiġru l-affarijiet wara li żżewweġ it-tifel tiegħu. Tgħid li għandikun iżżewweġ f'Lulju meta kellha erbatax-il sena. Mistoqsija jekk l-imputat tahiex xi affarijiet waqt li kienu l-ħanut jew jgħalfu l-klieb. Irrispondiet li kien tagħha red bull kemm lilha u anke lil *Omissis* fil-ħanut. Mistoqsija għala kien jagħtihom ir-red bull qalet li taħseb biex jarahom fuq tagħhom. Tispjega li dan mhux kuljum kien jagħtihom red bull imma tiftakar darba partikolari. Tgħid lilha u lilu kien jgħejjihom ir-Red Bull u *Omissis* kienet tiġi hyper. Ma tiftakarx x'kien jgħid dwar ir-redbull. Mistoqsija jekk kienx jgħid xi kliem ta' tmellis bid-diskors qalet li le darba qalilha '*ejja ġerrijuli*''. Tgħid li kienu fil-ħanut u qaltlu le ma riditx. Tgħid li hi u *Omissis* kienu jaqblu. Ma taħsibx li qatt tkellmet fuq li kien qiegħed jiġri u qalet li darba *Omissis* kienet qaltilha li qed tiddejjaq mal-familja tagħha iżda ma qalitx għala. Qalet li taħseb li għax ma kinitx tieħu li trid per eżempju computer. Tgħid li ma saqsietiex għala qiegħda tiddejjaq. Tgħid li

'*Niftakar ghax kont ghitilha ma nkunx irrid immur Omissis, imbaghad kont ghidtilha ghax joqghod imissli fejn mhux suppost. Imma ma kinitx qisha taghmel differenza, ghax imbaghad, quddiemu ta' imbaghad hu kien qal xi haga qalli "naghmillek hekk" imbaghad qal, "mhux ha nghamillha all right*".

Jgħid li dwar martu kien jgħid '*trid taghmel weghda biex taghmel maghha, biex qisu tipo nithassru jew hekk*' Tgħid ukoll li dwar iz-zija kien jgħid '*Ma jqumlix maghha, ma jqumx u mieghi iqum.*' Mistoqsija jekk kien hemm post iehor fejn ġara xi ħaġa wieġbet li d-dar imma mhux b'dak il-mod. Tgħid li d-dar kienet daħlet fil-banju u '*kien bil-boxer ghandu jkun u kien joqghod qisni ressaqni hekk u ghamilli wahda hekk, qisu biex iressaqha mieghi, ma sormi.*' Mistoqsija mill-Qorti '*qisu ghamel skossi, moviment ta' skossi mieghek?*' wieġbet 'Ehe, ghidtlu, "*ieqaf, ieqaf u more ergajt*".

Tgħid li fil-karozza kienet qaltlu li l-ewwel joqgħod jisma' r-radju Marija imbagħad jipretendi xi ħaġa u hu kien qalilha li anke l-qassisin jagħmlu hekk u qalilha li jekk tinqabad tqila ma tiġix tfittxu. Tgħid li ma kienx jagħmel xi ħaġa oħra. Ikkonfermat li qatt ma kien hemm xi penetrazzjoni minn naħa tiegħu fiha. Fuq mistoqsija hija kkonfermat li marret tixtri minn Ta' Qali għal ħanut. Tgħid li kienu waħedhom u darba ġiet *Omissis* u drabi oħra anke iz-zija *Omissis* kienet tkun hemm u darba waħedha. Ma taħsibx li kien isir xi diskors meta marret Ta' Qali waħedha miegħu.

Tgħid li dawn l-affarijiet ġraw qisu għal xahrejn żgur minn Lulju sa Settembru għax fl-aħħar ta' Settembru ma kinitx magħhom.

Tgħid li ma kinitx se tparla għax kienet tibża imma umbagħad wara xahrejn. Tgħid li l-ewwel tkellmet maz-zija *Omissis* mhux lis-social worker imma qabel kien hemm tifla ta' għaxar (10) snin kienet tiġi ħdejhom u kienet tgħid li liz-ziju *Omissis* ma tarahx all right u ma tafx x'fettlilha u qaltilha. Tgħid li mhux fid-dettall għax ta' għaxar (10) snin ma tifhimx umbagħad hi marret tgħid lil ommha u ommha qalet liz-zija *Omissis*. *Omissis* tiġi

oħt iz-ziju *Omissis*. Tgħid li imbgħad ħaditha magħha u tkellmet ma' Sister Madeleine. Tgħid li s-social workers umbagħad ġew jiġbruha għax iz-zija *Omissis* ċemplet liz-zija *Omissis* u z-zija *Omissis* li marret għandha l-ewwel darba li ħarbet, qalet lil social worker Samuel. Tgħid li lil Samuel qaltlu wkoll. Tgħid li preżenti ma' Samuel kien hemm Nicholette. Tgħid li meta qalet din il-biċċa xogħol kien hemm Sister Madeleine, Samuel u Colette għax kienu ġew jiġbruha mingħand iz-zija *Omissis*.

Ikkonfermat li liz-zija *Omissis* qatt ma qaltilha x'kien jagħmlilha z-ziju *Omissis* iżda qalet liz-żija *Omissis* li kien immissilha l-parti privata tagħha imma ma qaltilhiex li kien joroqha magħha għax kienet tibża. Tgħid li mbagħad iz-zija *Omissis* marret tgħid liz-ziju *Omissis* u meta kienet marret tgħid li qisha tgħatu 'pat fuq ix-shoulder u ghidtlu, "*all right ziju Omissis*"*? Kien qalli* "*ahjar ma mmissekx li ma tmurx toqghod tghid li qed naghmillek xi haga*" *jew hekk.*'

Tgħid li hija twieldet fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sitta u disgħin (1996). In kontro-eżami qalet li kellha esperjenzi sesswali ma' tnejn jiġifieri ma' *Omissis* tat-taxi kienet issejjaħlu u maz-ziju *Omissis* iżda mhux b'dan il-mod. Tgħid li kellha seba' (7) snin kienet raqdet hemmhekk u kien qabadha tagħmel 'horsie' meta ġara dan maz-ziju *Omissis* u ħames snin ma *Omissis* tat-taxi.

Tgħid li maz-ziju *Omissis* hi kienet ħasset xi ħaġa kiesħa mal-warrani tagħha meta qabadha tagħmel 'horsie' Tgħid li kienet raqdet filgħaxija u kien jgħidilha biex tgħid liz-zija *Omissis* biex toqgħod id-dar u kien juriha films pornorgrafiċi. Tikkonferma li qabel ma marret tgħix maz-ziju *Omissis* kienet tgħix maz-zija *Omissis* u maz-ziju *Omissis*. Tgħid li għal bidu hi riedet tmur tgħix għand iz-ziju *Omissis* għax ma kienx jagħmel dawn l-affarijiet. Jgħid li sa meta nqatgħet is-sentenza ma kienx jagħmlilha hekk. Hi ikkonfermat li ta' spiss kienet tilgħab bil-parti privati tagħha u meta *Omissis* kienet tistaqsiha kienet tgħid li ma tkunx tista' torqod jekk ma tagħmilx hekk. Mistoqsija jekk fil-ħanut ġieli neżgħet nofsha għarwiena rrispondiet li le mhux fil-ħanut imma d-dar. Tgħid li kien

hemm iz-ziju *Omissis*, iz-Zija *Omissis* u *Omissis* u tgħid li kienet tinża bil-bra u bil-panty. Tgħid li ma tiftakarx li qatt ħarġet timxi għarwiena fil-kuridur. Mistoqsija jekk dwar il-ložor kinietx '*taghmilhom ma ragel, toqghod tishon maghhom*', ċaħdet dan. Meta mistoqsija li rawha z-zijiet taghmel dan, tgħid li ma tiftakarx. Mistoqsija jekk kienx hemm inċident dwar toilet paper li għamlitu forma ta' raġel ċaħdet dan. Mistoqsija jekk kinitx talbet lit-tifel taz-ziju *Omissis* biex turih il-parti tagħha bl-iskuża li kellha infection, wieġbet li le. Mistoqsija jekk tiċħadx li kemm il-familja ta' *Omissis* u ta' *Omissis* kienu jikkoreġuha għal fattli din kienet il-ħin kolu tmiss il-parti tagħha quddiemhom wieġbet li le ma kinitx tagħhmilha. Tgħid li kienet tagħmilha quddiem *Omissis* għax kienet fil-kamra tagħha. Tgħid li z-Ziju *Omissis* kien qalilha biex ma toqgħodx tmissu u z-zija *Omissis* kienet qaltilha li hija qatt ma kienet tagħmel dawn l-affarijiet, tixhed li hi qatt ma għamlithom, mhux vera.

Reġgħet ġie mistoqsija jekk titftakarx l-episodju tal-ložor meta qabditha il-mara taz-ziju *Omissis* u qaltilha li '*jekk ma norgazmax ma nkunx nista' norqod?*' wieġbet '*imma mhux mal-lizar.*' Qalet li '*mhux forma ta' raġel.*' Ikkonfermat li kienet qaltilha "*ghax ma norqodx*".Qalet li ma kinitx tagħmel hekk imma qabditha darba u staqsietha x'qed tagħmel. Xehdet li kienet qed timmasturba, dan kien meta kienu qed jiġru dawn l-affarijiet. Ġew esebiti mid-difiża sett ta' erba' (4) ritratti a fol 123 et seq immarkati bħaka AM1 sa AM4 u qalet li l-persuna li jidher f'ritratt dokument AM huwa l-għarus tagħha *Omissis*, *Omissis* f'Dok AM2 li tgħid li hija l-ħabiba tagħha. Tgħid li dawn ittieħdu sentejn ilu. Ta' *Omissis* ittieħed issa, milux. F'Dok AM3 tgħid li l-persuna li tidher hija *Omissis* u r-ritratt ittieħed xi sentejn ilu u l-istess persuna tidher f'dok AM4 u dan ittieħed xi sena ilu.

Mistoqsija jekk il-ħanut kellux tabella open u close tgħid li kellu tabella 'open' waqt l-attivitajiet imsemmija iżda meta jagħlaq kellu tabella 'closed'. Tgħid li ma kienx jagħmel it-tabella closed meta kien jagħmel dawn l-affarijiet.

Mistoqsija kif kienet tħossha meta kien jagħmlilha dawn l-affarijiet *Omissis* kienet taf x'inhuma u ikkonferma li kienet tieħu ġost, kellha sensazzjoni ta' pjaċir. Mistoqsija jekk kinitx twaqqfu qalet '*Ma nahsibx ghax ma kienx qisu, ma kontx qisni nara liu, kont nitlef qisni ghax kont niehu pjacir*' Qalet li ma kinitx tkun trid tmur ir-razzett safrattant ħadd ma kien ikun irird immur imma hi kienet tkun barra biex tgħinu. Hija għarfet lil imputat bħala z-ziju *Omissis*.

Fis-seduta ta' nhar l-erbgħa u għoxein (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed **PC1359 Reuben Zammit** fejn spjega li nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) esegwixxa mandat ta' arrest maħruġ mill-Maġistrat Audrey Demicoli fuq *Omissis* li huwa għaraf fl-awla bħala l-imputat, allegatament dwar abbuż sesswali fuq tifla, ċerta waħda *Omissis*. Jgħid li mar fl-indirizz tal-imputat ġewwa *Omissis*, l-indirizz ma jiftakrux pero' esegwixxa l-mandat ta' arrest. Jgħid li nfurmawh bid-drittijiet tiegħu tal-Avukat u tawh is-solita twissija. Jgħid li kif waslu d-depot eżerċita d-dritt tal-avukat iżda ma jiftakarx minn kien l-Avukat dakinhar. Għaraf il-firma tiegħu fuq l-istqarrija li ttieħdet nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012). Jgħid li fl-istqarrija l-imputat ammetta l-akkużi. Huwa agħraf il-firma tiegħu, ta' *Omissis* u l-firma tal-Ispettur Calleja. Jgħid li kienu kellmu lil imputat dwar allegat abbuż sesswali. Jgħid li l-imputat ammetta dak li kienu qed jakkużawh bih. Jgħid li ma jafx fejn arrestat imma f*Omissis* żgur u kien ma' PC341. Jgħid li kellu x'jaqsam ukoll meta marru tat-Taqsima tal-Forensika biex jieħu r-ritratti tal-grocer. Jgħid li kien hemm PS6 Duncan tal-forensic, Demicoli. Jgħid li ħadu ritratti tal-bieb speċifikament fejn kien hemm ritratti tan-no smoking u sticker oħra. PC341 kien preżenti waqt l-arrest. Jgħid li ma kienx preżenti meta l-Pulizija tkellmet ma' *Omissis*.

Fis-seduta tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehdet ukoll **Colette Farrugia** ħaddiema soċjali fi ħdan il-*Looked after Children* l-Aġenzija *Omissis*. Tgħid li ila tmien snin fis-servizz tal-*Looked after Children*. Tgħid li dan mhuwiex każ tagħha iżda li assistiet social worker Samuel Fenech li kien qiegħed isegwi l-każ u ġabu

lil *Omissis* li kienet qiegħda toqgħod mas-sinjuri *Omissis* dak iż-żmien. Tgħid li kienu ħaduha *Omissis* f'Ħal Tarxien u hemmhekk tkellmu magħha u spjegatilhom l-affarijiet. Tgħid li l-minuri għamlet referenza għal esperjenza li kien qed ikollha u semmiet li s-Sur *Omissis* kien qiegħed jistedina u jara jsibx skużi u jeħodha r-razzett ta' *Omissis*, ħafna drabi biex jitma l-klieb u dejjem jistaqsiha biex tmur miegħu u b'riżultat ta' dan hi semmiet li kien hemm xi erba' (4) darbiet fejn ġraw inċidenti mas-Sur *Omissis*, darbtejn li ġraw fil-ħanut tiegħu u darbtejn li ġraw fir-razzett. Tgħid li l-minuri qaltilhom li s-Sur *Omissis* kien imissha fuq il-ħwejjeġ, imiss il-parti privati tagħha, imbagħad kien jitlobha biex tinża fuq il-ħwejjeġ ta' taħt u kien ikompli jmissha fuq il-ħwejjeġ ta' taħt. Tgħid li qaltilha li kien jitrassas magħha u jħokk magħha u kienet tħoss il-parti tiegħu imqajma u kien f'dawn l-erba' (4) drabi jipprova jdaħħal il-parti tiegħu f'tagħha pero' hi kien għadha bil-qalziet ta' taħt. Tgħid li qaltilha li kien jibqa' jagħmel hekk sakemm jeġakula. Tgħid li semmiet li darba kien daħħal subgħajh fil-parti tagħha u hi bdiet tisma' il-likwida fil-parti tagħha u qalilha '*qed tisimghu dan*' '*minhabba li qieghed tishon*' b'dak li kien qiegħed jagħamlilha. Tgħid li fil-preżenza tal-mara tiegħu *Omissis*, huwa kien imissha biex jaraxha imma għaliha kien skomdu dan għax kien jaraxha f;partijiet privati tagħha u dan kien jiġri wkoll lit-tifla tiegħu *Omissis*.

Spjegat li fl-għoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħdax (2011) kienu marru barra d-dar tas-Sur *Omissis* f'*Omissis*. Tgħid li kien hemm il-mara tiegħu iżda ma ratux lis-Sur *Omissis*. Kien hemm ukoll Samuel Fenech u ħaduha *Omissis*. L-informazzjoni li kellhom qabel marru għaliha kien li t-tifla riedet titlaq minn hemmhekk. Tgħid li dak in-nhar stess kellmuha fl-uffiċju tal-madre li hija Sister Madeleine Cauchi u kienu preżenti wkoll Samuel Fenech u Sister Madeleine Cauchi. Qalet li qaltilhom li dan kien iz-ziju tagħha. Ix-xhud qatt ma ratu lil imputat. Qalet li ħadu nota tal-informazzjoni li tagħthom, imbagħad Samuel Fenech u hi kitbu r-rapport u bagħtuh il-Vice Squad. Tgħid li hi ma reġgħetx kellmet lil *Omissis*.

In kontro-eżami ġiet mitluba tesebixxi d-dokumenti u noti li kellha quddiema. Dawn ġew esebitiu u mmarkati bħala Dok.CF.

Fis-seduta ta' nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehdet **Anthea D'Amico** *programme manager* fi ħdan il-Foundation for Medical Studies. Dak iż-żmien tgħid li kienet il-ħaddiema soċjali fi ħdan l-Aġenzija *Omissis* fil-Family and Community Services. Ikkonfermat li taf lil *Omissis* u li l-ewwel darba li ltaqgħet magħha kienet ħafna iżgħar u dan madwar sitt (6) snin ilu. Tgħid li kienet social worker ta' ommha u kienet isegwihom bħala family unit. Qalet li maż-żmien inqatgħu iżda semgħet li mietet omm il-minuri u saret taf li kien hemm żmien li l-aħwa bdew joqgħdu separatament. Tgħid li meta semgħet li l-aħwa separati ma kinitx għada taħdem bħala ħaddiema soċjali iżda kellha xogħol ieħor *f'management* iżda offriet li tkun *social contact* biex fil-weekend jiltaqgħu. Tgħid li għadhom close ħafna. Tgħid li baqgħet *social contact* u kien hemm familja oħra kienet *social contact* imbagħad ġew adottati t-tfal. Tgħid li waqt l-adozzjoni ma kellhiex kuntatt aktar magħhom. Tgħid li wara l-addozzjoni għadda xi zmien u hu *Omissis* kien ikkuntatjaha fuq Facebook u qalilha li *Omissis* għaddiet minn esperjenza kerha, qal li kienet ħarbet mid-dar, mill-*adoptive home* għax ma kienux jiftehmu bejniethom, marret għand iz-zijiet, u qal li kellha esperjenza kerha ta' abbuż sesswali u qal li umbagħad marret *Omissis*, Ħal Tarxien. Tgħid li marru jarawha hi u r-raġel peress li r-raġel ukoll kien jafha għax kienu *social contact* meta kienu għadhom mhumiex miżżewġin. Kienu stiednuha toħroġ magħhom waqt li kienet l-istitut u wara ftit xhur it-tifla xtaqet toqgħod magħhom. Qalet li ddiskutiet mas-social worker u mas-sister tal-Istitut u li issa qed toqgħod magħhom u ilha sitt (6) xhur toqgħod magħhom.

Hi qalet li l-minuri *Omissis* ġieli tkellmet magħha dwar dak li għaddiet minnu. Qalet li tkellmet *small instances* imma mhux fit-tul. Qalet li darba marret tgħannaqa qisha minn wara u qabżet it-tifla u kienet tara naqra qisu anxious u qalet li ħadet qatgħa għax iz-ziju kien ġieli fi kliema '*joroka miegħi minn wara sakemm igibha*.' Hi irriferit għal *Omissis*. Tgħid li kienet iltaqgħet darba miegħu meta kienet social worker tat-tfal għax kien hemm żmien

li l-omm kienet dieħla u ħierġa mill-isptar minħabba d-dijabete. Hija għarfitu fl-awla. Xehdet li l-minuri qalet li kien imissilha l-parti tagħha, semmiet minn fuq il-ħwejjeġ, qaltilha li darba għax irrifjutat, waqqafha *Omissis*, ħalliha hemm, qalet li kien jgħajjarha b'ommha qalilha '*int sħuna bħall ommok*' xi ħaġa hekk, kien jgħidlha li ommha kienet tieħu pjaċir bl-affarijiet sesswali minn għandu u hi bħalha. Qalilha li ommha qahba u li kienet staqsietha jekk dan huwiex minnu u hi qaltilha li le ma kinitx almenu sa fejn kienet taf hi bħala *social worker*.

Qalet li qaltilha li dawn ġraw meta kellha bejn tlettax u erbatax il-sena. Qalet li kienet tissuspetta li jagħmel hekk mal-kuġina tagħha li tiġi bintu. Qalet li meta kienet social worker u omma kienet l-isptar staqsiet l-omm fejn tista' tħalli t-tfal u qaltilha għand iz-zijiet. Qalet li l-ewwel ftit li kienu għand iz-zijiet it-tfal, l-ewwel ma kienx hemm *trasport availabe* minn naħa ta' volontiera jew skola għal*Omissis* fejn kienu joqgħodu maz-zijiet għall-iskola ta' Birkirkara u biex ma tibdililhomx l-Iskola kienet twassalhom kulljum. Darba qalulha li kienu qegħdin iħossuhom skomdi hemm u riedu jitilqu qalulha "*ghax iz-ziju Omissis lil Omissis messilha l-patata*". Qalet li dak iż-żmien hi tkellmet magħhom u qalu li *Omissis* li kellha għaxar (10) snin kienet tagħmel pipi fis-sodda u b'dawn l-affarijiet kollha li ġraw hi rrakomandat illi ma jibqgħux hemmhekk u bagħtithom l-istitut. L-omm kienet l-isptar qabel mietet u meta bdiet tgħidilha l-affarijiet bdiet tibki u qaltilha li Omissis kien ġelgħha tagħmel sess miegħu u bdiet tibki hi u tirrakonta din il-ħaġa. Hi qalet li bil-kelma 'tfal' qed tirreferi għal *Omissis* u *Omissis* l-aħawa.

Tgħid li l-minuri qaltilha wkoll li z-ziju kien jgħidilha li jagħmel hekk biex jgħallimha u li aħjar tagħhmel hekk miegħu milli ma' rġiel oħra u li kien qed jagħmel hekk biex jgħallimha għax qed tikber u għandha bzonn tkun taf. Qalet li meta kelmitha fuq dawn l-affarijiet kienet tidher imħawda sew fuq dawn l-affarijiet u min minn għandha tisma' u minn fejn għandha tfittex informazzjoni.

Mistoqsija in kontro-eżami jekk hijiex *warranted social worker* wieġbet li le li taħdem bħala *social worker* iżda ma għandhiex bżonn warrant. Tgħid li għandha degree B.A. (Hons) Social Work, 'summa cum laude' u Masters f'Counselling.

Mistoqsija dwar ir-relazzjoni tagħha mal-minuri *Omissis* u jekk tiftahx qalbha magħha wieġbet li iva u li titkellem magħha dwar affarijiet personali ħafna. Qalet li qatt ma ratha *f'behaviour sesswali*. Tgħid li sesswament mhijiex attiva, taf għax tgħix magħha u taf x'qiegħda tagħmel iżda li l-minuri għandha kurżita u tkun trid taf affarijiet. Tgħidlilha li għandha problema illi bil-masturbazzjoni għax tħossa sexualised. Tgħid li hi studjat u taf li dan huwa sintomu ta' tfal li jkunu għaddew minn abbuż sesswali u li l-minuri hi konxja tagħha u ddejaqha u tkellimha fuqha u anke mal-psychologist tagħha biex *tiddilja* ma' din il-ħaġa.

Ix-xhud ikkonfermat li l-minuri *Omissis* tkellmet magħha dwar li timmasturba. Hi kkonfermat li qatt ma qaltilha li rat lil *Omissis* jabbuża lit-tifla tiegħu imma kellha biss suspett, qatt ma ratu. Mistoqsija jekk qatt semmiet li s-Sur *Omissis* kien daħħal subgħajh fil-parti tagħha, wieġbet li qalet li messilha l-parti tagħha imma mhux speċifikament li daħħal subgħajh fil-parti tagħha.

Fis-seduta ta' nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehdet **WPS209 Rachel Aquilina** fejn spjegat li fit-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħdax (2011), l-Ispettur Louise Calleja fil-preżenza tagħħha, ta' WPC238 u l-ħaddiem soċjali Samuel Fenech ġiet mitkellma l-minuri *Omissis* li dak iż-żmien kellha erbatax (14) -il sena fejn spjegat li meta kienet tgħix maz-zijiet tagħha *Omissis* kien sar abbuż fuqha miz-ziju tagħha, ċertu *Omissis*.

Tgħid li t-tifla spjegat li f'Ġunju tas-sena elfejn u ħdax (2011), meta kienet qiegħda tgħix ġewwa din ir-residenza f*Omissis*, iz-ziju kien jieħodha ġo razzett li għandu *Omissis*. Tgħid li t-tifla spjegat li hemmhekk beda l-abbuż. Qalet li t-tifla spjegat li f'dan ir-razzett hemm

xi grada, fejn kien jitfagħha mal-grada u fi kliem it-tifla '*kien joqghod jippompja minn wara taghha.*' Qalet li f'okkażjoni waħda li ġara dan l-abbuż kien qalilha biex tneħħi l-qalziet ta' taħt f'din l-okkażjoni partikolari z-ziju tagħhha kien daħħal subgħajh fil-parti privata ta' din it-tifla. Spjegat ukoll li l-abbuż kien ġara anke f'ħanut ġewwa *Omissis* stess f'żewġ okkazzjonijiet oħra. Tgħid li t-tifla spjegat li fil-ħanut, avolja hemm il-camera, f'parti minnhom tal-ħanut fejn kien isir dan l-allegat abbuż ma tilħaqx din il-camera. Tgħid li spjegat li bieb hu kannella u kien jitfaha fuq xi freezer u kien jagħmel l-istess atti li kien jagħmel ġewwa r-razzett. Spjegat li qaltilhom li kien jinfexx fiha għax ma kienx ikollu x'jaqsam mal-mara tiegħu peress li kienet tbati minn ħafna burdati. Kien jgħidilha wkoll li '*l-parti tieghu tqumlu aktar ghaliha milli ghall-mara tieghu.*'

Tgħid li l-minuri semmiet li kien itihom Red Bull fil-ħanut u jgħidilhom ukoll li dan kien tajjeb għas-sess għax kien iqajjmek fuq tiegħek. It-tifla qalet li f'xi okkazjonijiet magħha kien hemm it-tifla tiegħu *Omissis* u kien imiss sidirhom u l-parti privata quddiem xulxin.

Tgħid li l-aħħar ħaġa li semmiet it-tifla kien li f'Settembru tal-istess sena t-tifla ftakret li kienu marru għal xi ħaxix il-Pitkalija. Qalet li kif waslu mill-Pitkalija t-tifla tiegħu xtaqet li tibqa' d-dar u allura marret tgħinu fl-ħanut biex jippustjaw l-affrijiet u beda jistedina biex jagħmlu l-istess.Tgħid li qaltlu li ma riditx pero' kif għaddiet minn quddiemu tefagħha fuq l-istess freezer u għamlilha l-istess.

Spjegat li meta t-tifla qaltlu biex iħalliha qalilha biex ma ttawalx ilsiena. Qalet li l-ewwel tkellmet ma' kuġina tagħha Samantha Mifud li dak iż-żmien kellha għaxar (10) snin, imbagħad '*through ommha tkellmet maz-zija taghha, stednitha għandha biex turiha xi qattus, bi skuza qattus, fejn imbaghad kienet staqist it-tifla x'gara ezatt*' minn hemmhekk imbagħad it-tifla ġiet place St. Rita's Home.

Tgħid li l-minuri fetħet qalba ma omm *Omissis* u *Omissis* qalu lil huthom Lydia u Alison li qalu lil ommhom u ommhom qalet liz-zija *Omissis* li tiġi oħt *Omissis*. Oħt *Omissis*

ċemplet lil *Omissis* jiġifieri maż-żija *Omissis*. Tgħid li hi kienet involuta biss meta għamlet l-istqarrija t-tifla. Tgħid li ma għandhiex idea tas-Sur *Omissis*.

In kontro-eżami esebiet in-noti tagħha.

Fis-seduta ta' nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehdet **Victoria Bugeja** li fiż-żmien tax-xhieda tagħha kienet taħdem fil-Ministeru tal-Familja u Solidarjeta Soċjali u xehdet in rappreżentanza tal-Ministru. Tgħid li skont ir-records li għandhom huma għandhom rapport li ġie mgħoti mill-Advisory Board tat-Tfal iżda mhux ir-rapport sħiħ. Xehdet li fl-għoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn (2000), l-omm daħlet lit-tfal Angela House minħabba problemi mediċi, umbagħad reġgħet ħadithom u ż-żewġ minuri għexu magħha. Tgħid li l-omm kellha problema tad-dijabete u meta ħadithom mis-sena 2000 sas-sena 2005 il-kundizzjoni tagħha marret għall-aħjar pero' f'Settembru tas-sena 2005 hi kienet reġgħet daħħlet lit-tfal in care u dak iż-żmien bdew isegwu il-generic team tal-*Omissis*, tgħid li *Omissis* mar St Patricks u *Omissis* marret *Omissis*.

Tgħid li hemm nota li f'Ġunju tas-sena qabel ma ddaħlu in care, it-tifel *Omissis* kien għamel *disclosure* fejn qal li *Omissis* kien iċċajtha u kien jilgħab b'mod pastaz ma oħtu. Kien imissilha wkoll il-parti privati tagħha. Dan id-diskors sar mas-social worker ta' dak iż-żmien.

Tgħid li fl-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u sitta (2006) inħarġet ordni temporanja tal-helsien[8] jiġifieri l-interim u fis-6 ta' Marzu tal-istess sena inħarġet l-Ordni tal-Ħarsien. Fid-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) kien hemm terminazzjoni tal-Ordni tal-Ħarsien għalhekk il-care order ma baqgħetx fis-seħħ.

---

[8] 'helsien' ghandha taqra 'harsien'

Tgħid li skont ir-rapport, Vitorin, omm il-ġenituri hija mejta u għalhekk din kienet waħda mir-raġuni li ħarġet l-Ordni tal-Ħarsien. Filwaqt li l-missier filli kien referut bħala *unknown father*, umbagħad irrikonixxiha imma kien hemm problemi għxl kellu l-ħajja tiegħu għaddeja u ma setgħax jirrikonoxxihom u jeħodhom jgħixu miegħu. Tgħid li wara ġew adottati. Mistoqsija dwar meta saru l-allegazzjonijiet kienx hemm referral, wieġbet li le kull ma jkollhom huwa rapport li fuqu tinħareġ l-Ordni għal Ħarsien imma ikkonfermat li la darba toħroġ il-Care Order it-tfal ikunu taħt il-kura tal-Ministru.

In kontro-eżami qalet li ma tistax tikkonferma jekk kienx hemm komunika bejn il-Ministru u l-Kummissarju tal-Pulizija dwar dan il-każ.

Fis-seduta ta' nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlettax (2013), xehdet ***Omissis*** li qalet għandha żewġ't itfal legalment tagħha, *Omissis* li ma għadhiex toqgħod magħhom u *Omissis*. Tgħid li t-tfal addotathom qisu sitt (6) snin ilu. Dak iż-żmien *Omissis* kellha għaxar (10) snin u *Omissis* kważi ħdax-il (11) sena. Tgħid li *Omissis* damet tgħix magħhom sa Settembru tal-2010, umbagħad marret għand xi kuġin in-Naxxar. Mistoqsija jekk baqgħet in kuntatt magħha qalet li le għax meta kienet iċċempel kienet tistaqsi biex tkellem lil *Omissis* pero' kienet taf mingħand l-*Omissis* fejn qiegħda.

Qalet li għamlu kuntatt fuq it-telephone u ltaqgħu, jitkellmu dwar kif sejra fl-istudju tgħid li ma tkellmetx fuq affarijiet li setgħet għaddiet minnhom u lanqas ma taf lil *biological members* ta' *Omissis*. Tgħid li taf lil missier li huwa *unknown father* fuq iċ-ċertifikat. Tgħid li dak kien l-uniku kuntatt li kellha mis-sena 2006 iżda l-familjari tagħha qatt ma ltaqgħet magħhom.

Tgħid li dak inhar li l-minuri telqet mingħandhom kienu rrabjaw ma' xulxin, tgħid li marret għand il-kuġini u ħadu ħsiebha huma. Tgħid li infurmaw lil *Omissis* anke meta telqet l-ewwel darba. Qalet li l-*Omissis* infurmawha li riedet anke tiċċaqlaq minn hemm

u kellha bżonn tmur l-istitut u tgħid li saru jafu li ma kinitx feliċi fejn kienet u kien hemm kwistjoni ta' abbuż iżda li hi ma taf xejn. Hi kkonfermat li qatt ma talbet biex jittieħdu proċeduri fuq xi abbuż in konnessjoni ma din it-tifal.

In kontro-eżami tgħid li dwar il-komportament tal-minuri *Omissis* tgħid li kienet tifla żgħira umbagħad saret tfajla. Tgħid li l-problemi sakemm telqet dejjem kienet dwar dixxiplina, dejjem trid affrijiet sbieh u kienu jikkuntentawha sakemm setgħu. Kienu jagħtiha li jkollha bżonn. Tgħid li l-minuri kienet tisraq minn għandha biex tmur tixtri l-affarijiet li ma kinitx tixrrilha hi. Kienet tirrispondi lura. Tgħid li taf li meta kienet żgħira ommha ma kinitx tagħtiha daqshekk attenzjoni u taħseb li kienet teħodha kontriha bħala l-omm il-ġdida.

Tgħid li meta telqet, ħarbet mingħajr żarbun u kienet ix-xita u ix-xhud kienet żelqet u waqgħet. Meta marret għand il-kuġin marru l-isptar mingħajr l-awtorizazzjoni tagħha u kien hemm rapport li kellha xi grif jew ċertu affarijiet fuq saqahja u minħabba dak ir-rapport li għamlu ta' Mater Dei weħlu huma li abbużaw minnha. Tgħid li kienu se jitressqu mill-Qorti tant li rċievew iċ-ċitazzjoni minn naħa tal-*Omissis* umbagħad *Omissis* '*iddeciediet li tiehu lura r-rapport li ghamlu*'. Ikkonfermat li *Omissis* għamlet allegazzjonijiet inveritieri fil-konfront tagħhom. Tgħid li mhux vera abbużaw minnha.

Fis-seduta tas-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed ukoll ***Omissis*** li huwa l-missier addottiv ta' *Omissis*. Jgħid li l-adozzjoni kienet fl-2006 u 2007. Jgħid li waqt li kienet toqgħod id-dar it-tifla normali qed tikber ġo familja u li d-dixxiplina ma kienet togħġobha assolutament xejn. In kontro-eżami qal li hi telqet ħarbet mid-dar, għamlet allegazzjonijiet li *Omissis* sawtitiha. Tgħid li min x'ħin telqet sa fejn waslet setgħu ġraw ħafna affarijiet. Jgħid li ma kienx preżenti. Jgħid li '*a small slap is one thing*' imma ċertu affarijiet li forsi dehru hemm ma jistax jivverifika. Jgħid li l-Pulizija kienu ssuġġerew li ma tiġix toqgħod id-dar. Jgħid li ma jistax jgħid jekk l-allegazzjonijiet huma infondati. Jgħid li l-minuri tigdeb il-ħin kollu u tisraq mill-flus.

Fis-seduta tas-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) reġa xehed **Samuel Fenech** li qal li jaħdem l-Aġenzija Support, l-istess fondazzjoni iżda aġenzija differenti. Jgħid li dak iż-żmien kien jaħdem bħala Social Worker ġewwa l-*Looked After Children* l-Aġenzija *Omissis*. Jgħid li diġa' xehed izda ftakar li kien hemm xi affarijiet pħra bħala dettalji li qalet it-tifla meta saret l-istqarrija bħal kulur tal-bieb u il-camera fil-post. Jgħid li l-minuri kienet distressed u dehret li qiegħda tibża waqt li tagħti ċertu dettalji u kienet qiegħda tisthi. Xehed li tkellmet dwar id-dubji li kellha meta ġara dan l-inċident u li hi Alla ħares qatt tinqabad tqila minħabba l-affarijiet li ġraw.

Qal li l-minuri qalet li s-Sur *Omissis* kien jagħtihom Red bull energy drinks lilha u lit-tifla tiegħu *Omissis* bl-iskop skont it-tifla biex itihom ċertu enerġija għal attivita sesswali. Jgħid li kienet tgħid '*ha tigini t-tgharixa*' b'referenza għal meta ħa jeġakola.

Jgħid li r-rapport bagħtuh lil Vice Squad kienu ifformolawh huma minn naħa tal-*Looked After Children* u ffirmawh hu u l-coordinator tiegħu Colette Farrugia Bennet. Jixhed li dak iż-żmien it-tifla kienet għada kif iċċaqalqet għal *Omissis*, Ħal Tarxien. Fuq mistoqsija tal-Qorti huwa kkonferma li bħala aġenzija kienu konxji tal-fatt li din kien għad għandha l-ġenituri tagħha addottivi li sa dak il-mument kien għad għandhom l-awtorita' ta' ġenituri fuqhom. Mistoqsi mill-Qorti jekk qalulhomx li ħa jittieħdu passi bil-pulizija wieġeb li iva li dejjem kienu jinfurmaw lil adoptive parents, kienu jċemplu ta' spiss, kienu jiftehmu magħhom u kienu jaqblu ma dak li jsir sakemm dan ikun fl-aħjar interess tat-tifla. Jgħid li qatt ma qalulhom li ma riedux li jkomplu bil-pulzija.

In kontro-eżami qal li aktar milli talab permess huwa dejjem avżahom u infurmahom. Wieġeb li iva tawhom *go ahead* fis-sens meta qalulhom li f'ċirkostanzi bħal dawn hemm bżonn li jirrapurtaw lil pulizija huwa qablu għalkemm ma kinitx idea tagħhom.

Fis-seduta tas-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehdet ukoll **Ariana Camilleri**, ħaddiema soċjali mal-Aġenzija *Omissis* ta' *Omissis*. Tgħid li ila social worker tal-minuri minn l-aħħar ta' Mejju/Ġunju tas-sena 2012 u qabel kien hemm Samuel Fenech. Tgħid li l-minuri qatt ma tkellmet xejn magħha fuq dak li għaddiet minnu. Tgħid li l-minuri mhijiex tieħu kura ta' mediċina iżda qiegħda kemm tmur għand psychologist tagħha għal terapija. Dak li taf fuq il-passat tagħha tafu mill-*handing over* li tagħha Samuel Fenech. Xehdet li l-minuri qatt ma tkellmet magħha dwar affarijiet tal-passat iżda jitkellmu dwar affarijiet li jiġru fil-preżent.

Xehdet li tiprova tiltaqa' mal-minuri kull sitt ġimgħat. Xehdet li ila ma tkellimha peress li l-minuri bħalissa għaddeja bl-eżamijiet u qatgħet ftit beix tikkonċentra fuq l-eżamijiet, dan l-aħħar li kellmtiha kien fil-bidu ta' Mejju ta' din is-sena. Wieġbet li ma għamlitx ir-rapport lil pulizija jew lil xi aġenzija oħra.

Fis-seduta ta' nhar it-tmintax (18) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), xehdet **Sister Rosette Camilleri** fejn qalet li dawn l-aħħar tlett (3) snin qiegħda tieħu ħsieb il-formazzjoni ta' dawk li jidħlu biex isiru sisters u tgħid li qabel kienet tieħu ħsieb gruppi ta' tfal. Tgħid li l-minuri *Omissis* kienet għandha meta kienet żgħira imma meta allegatament seħħ il-każ ma kellix x'taqsam magħha. Tgħid li hi telqet minn Ħal Tarxien u l-minuri kienet *fostered on the way to be adopted* umbagħad xi snin wara ikkuntatjata l-madre tagħha u qaltilha li l-minuri reġgħet qiegħda fid-dar magħhom. Tgħid li l-minuri baqgħet f'kuntatt magħhom peress li kienet tieħu ħsiebha, kien hemm relazzjoni tajba u kultant il-familja li kienet ser taddottahom kienet iġġibhom biex jiltaqgħu ftit magħha. Qalet li l-madre qaltilha biex ma tieħux qatgħa imma li kien hemm każ ta' abbuż fuq il-minuri. Qalet li xxukjat ruħha. Xehdet li meta ltaqgħet magħha nnutata li reġgħet imtliet kollha acne u saqsieta jekk taf xi ġrala u bdiet tgħidilha '*m'intix tarani, lili min tridu jhobbni*', '*jien kerha*' u bdiet titkellem b'mod negattiv dwarha.

Tispjega li telqet mill-homes madwar tlett (3) snin u nofs u dan l-episodju li tkellmet dwaru ġara forsi xi sena, sena u xi ħaġa. Tgħid li dak iż-żmien il-minuri kienet diġa' qiegħda tmur għand Anthea li kienet is-*social worker* u preżentement qiegħda tgħix magħha. Tgħid li *Omissis* kienet aktar outspoken minn huha *Omissis*, *Omissis* kien riservat, hi minn dejjem kienet tipo allegra, kelma tgħidilek u fuq ruħha ħafna, kienet tilmenta ftit u tħoss li ommha tagħti aktar attenzjoni lil *Omissis* millli lilha. Tgħid li din ma kinitx spekulazzjoni għax ġieli kienet iċċempel u tibgħat lilha l-ewwel biex tkellem l-ommha u ġieli kienet taqtalha.

Tgħid li meta ġiet Anthea ltaqgħu l-*Omissis* ta' Sliema. In kontro-eżami tgħid li kienet taf fuq min se tixhed għax fuq il-karta li rċeviet mingħand il-pulizija kellha l-isem u l-ID Card fuqha u isem *Omissis*. Ikkonfermat li l-madre kelmitha fuq l-allegat abbuż pero' t-tifla ma semmietx abbuż u tgħid li bejn wieħed u ieħor dan id-diskors sar ftit aktar minn sena ilu.

Fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) reġa' xehed **Samuel Fenech** fejn spjega li qiegħed jippreżenta dokument fejn il-ġenituri addottivi ta' *Omissis* kienu taw il-kunsens biex ikunu jistgħu jipproċedu bil-proċeduri. Dan huwa mmarkt bħala Dok. SF u jinsab a fol 208 tal-proċess.

Fis-seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) ġie preżentat l-oriġinal ta' Dok SF, immarkat bħala Dok. PF.

Fis-seduta ta' nhar it-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) xehdet **Sister Madeleine Cauchi** li qalet li qiegħda d-dar tat-tfal Angela House u li tmexxi bħala superjura u *social worker*. Tgħid li qabel Angela House kienet tieħu ħsieb *Omissis*, Ħal Tarxien għal wieħed u għoxrin (21) sena mis-sena 1992 sal-2013 u ila seba' (7) xhur Gwardamangia.

Tgħid li saret taf lil *Omissis* meta ġiet fil-kura tagħha peress li kienet għal xi żmien residenti fil-*home* tagħhom peress li ommha kienet ma tiflaħx ħafna. Tgħid li dak iż-żmien *Omissis* kienet tifla vera *bright*, anke fl-iskola kienet tmur verament tajjeb. Kienet kuntenta u qatt ma rat affarijiet psikologikament li ma kienux tajbin anke l-iżvilupp kien man-norma. Sadanittant l-minuri *Omissis* u huha ġew addottati minn koppja wara li ġiet nieqsa ommhom. Tgħid li waqt ħin l-ikel irċeviet telefonata anomina fuq tifla li kienet residenti *Omissis*. Staqsiet min hi din it-tifla u qaltilha li mhux tat-telefon u qaltilha tistax tiġi u fi żmien tlett kwarti waslet. Tgħid li l-persuna konċerrnata kienet *Omissis* mil*Omissis* u kienet akkumpanjata minn tlett (3) neputijiet ta' *Omissis*.

Xehdet li *Omissis* kienet konfuża peress li *Omissis* kienet qalet lil waħda minn neputijiet li z-ziju *Omissis* ma min kienet toqgħod dak iż-żmien kien abbużaha sesswalment diversi drabi. Tgħid li *Omissis* irrepetiet dak li qalet lil *Omissis* fid-detall u anke reġgħet irrakuntatu liż-żewġ social workers Sam Fenech u Colette Farrugia Bennet fil-preżenza tax-xhud. Qalet li qatilha li l-aħjar li jirraportaw lic-*Child Protection* u *Omissis* qaltilha li aħjar tkellem lil huha *Omissis* dwar l-abbuż. Xehdet li qaltilha li ma jistgħux iħallu lil minuri aktar fil-periklu u riedu iċaqlquha immedjatament f'post aktar sigur. Tgħid li *Omissis* qalet li ma riditx tfarrak il-familja tagħhom. Tgħid li waqt li qed tgħid hekk il-minuri *Omissis* qalet li hu jabbuża wkoll lit-tifla tiegħu *Omissis*. *Omissis* qalet li tirranġa u tieħu lil minuri *Omissis* tgħix magħha u staqsiet jekk tistax terġa tiġi l-*home*. Qalet li qaltilha li peress li kienet over ten (10) dak iż-żmien qaltilha li ma tistax pero' sa dakinhar stess irċeviet diversi *SMSs* mingħand *Omissis* tgħid li kienet imwerwra li ħa jabbużaha u dak il-ħin saqsietha tridx tiġi lura u qaltilha li riedet tmur lura. Allura qaltilha biex tipprova tippakja ftit affarijiet waqt li z-ziju u z-zija jkunu barra u *Omissis* tiġborha aktar tard matul il-ġurnata.

Tixhed li l-għada ċemplitilha *Omissis* u qaltilha li z-zija tal-minuri *Omissis* kienet qabditha tippakkja u kien hemm inkwiet kbir. Qalet li dak il-ħin ċemplet lil John Role li huwa in charge tal-fostering għax kellha l-impressjoni li l-minuri qiegħda *fostered*, li kien waqa' l-

placement tal-*adoption* u John Role qalilha li mhux suppost qiegħda hemm, suppost kienet in-Naxxar għand iz-zijiet oħra. Qalilha li kien ser jinforma lil Sam Fenech is-*social worker* ta' *Omissis*, fuq l-abbuż biex jieħdu azzjoni. Tgħid li Sam ftit wara infurmaha li kienu ser iġibu lil *Omissis* lura l-home.

Tgħid li meta ġiet lura l-home l-minuri kienet distresed ħafna, kellha wiċċha acne esaġerata, kienet tidher li għaddejja minn stress kbir u kienet kull persuna li tara, speċjalment adulti tirrakuntalhom x'ġara. Tgħid li kellha tagħmel ħafna *checks* fuqha biex ma toqgħodx tirrakontalhom dawn l-affarijiet, l-ewwel nett minħabba fiha u anke minħabba li kien każ ta' Qorti. Tgħid li ratha marret lura ħafna. Tgħid li t-tifla kienet tmur l-Iskola St. Francis Ta' Sliema, kienet ikkuntatjat l-iskola u qaltilhom x'inhu jiġri u qalulha li t-tifla marret ħafna lura anke fl-iskola u kienet qed tirrepeti wkoll dawn l-affarijiet u li kienet distrubata ħafna.

Tgħid li minn dak li qalet *Omissis*, l-abbuż kien abbuż komplut jiġifieri *penetration* u kollox. Tgħid li dan sar f'kamra ta' wara ta' ħanut taz-ziju, li għandu xi grocer *Omissis*, ġieli ħadha bil-karozza u f'xi post fejn kellu l-annimali kien jabbuzaha hemmhekk ukoll. Tgħid li dan id-diskors *Omissis* qalitu quddiem *Omissis* oħt *Omissis* u reġgħet irrepetitu fil-preżenza tas-social worker Sam Fenech u Colette Farrugia Bennet. Wieġbet li ma tiftakarx f'liema perjodu kien. Tgħid li ila ma tkellimha diversi xhur u bħalissa *Omissis* qiegħda fostered minn kopja oħra, ma għadhiex fil-*home* tagħhom. Hija preżentat rapport immarkat bħala Dok. MC, dan jinsab a fol 222. Tgħid li l-persuna ta*Omissis Omissis* tirreferi għaliha bħala 'iz-ziju *Omissis*'.

In kontro-eżami xehdet li meta ġiet għandhom l-ewwel darba *Omissis* kellha xi seba' (7) snin u Ħal Tarxien timmaġina li damet ftit anqas minn sena. Tgħid li kienet is-*social worker* tad-dar u l-assistenta tas-superjura u l-minuri kienet taħt l-attenzjoni ta' Sister Rosette Camilleri. Tgħid li meta saret taf dwar il-każ ma kinitx ila wisq ma taraha peress li *Omissis* żammet kuntatt, ġieli ċċempel u ġieli tmur taraha. Qalet li meta sar l-abbuż kienet ilha xi

sena w nofs ma tisma' mingħandha. Tgħid li kien hemm każ ieħor ta' abbuż. Spjegat li *Omissis* l-ewwel ġiet addottata, imbagħad ibbejkja l-placement tal-*adoption* u marret għand xi zijiet oħra n-Naxxar. Mistoqsija tafx għala ma baqgħetx fil-placement tal-*adoption* qalet li sa fen taf hi kien hemm issues mal-omm peress li biex tikkoreġiha ġieli refgħet idejha fuqha. Mistoqsija jekk hijiex vulgari bħala persuna wieġbet li lanqas xejn, mhux dik it-tip ta' persuna.

Fis-seduta ta' nhar l-għaxra (10) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) dehret oħt *Omissis*, *Omissis* li qalet li kontra ħuha kieku ma tixhidx u li ma għandhiex affarijiet x'tgħid kontrih, qatt ma rat xi affarijiet. Hija ddikjarat li ma tixtieqx tixhed.

Fis-seduta ta' nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) reġa xehed **Samuel Fenech** fejn spjega li fil-perjodu li saru l-allegazzjonijiet meta kien *social worker* tat-tifla, l-kura u l-kustodja kienet fdata f'idejn il-ġenituri tagħha *Omissis* u *Omissis* u kienu nfurmawhom bis-sitwazzjoni li t-tifla qiegħda tagħmel dawn l-allegazzjonijiet u fejn il-ġenituri addottivi kienu taw il-kunsens biex fost affarijiet oħra jassistu t-tifla f'affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-investigazzjonijiet tal-Pulizija. Huwa prezenta l-Ordni għall-Ħarsien illi ħarġet fis-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006) immarkata bħala Dok. SF1 meta l-minuri *Omissis* kienet ġiet orfni minħabba li mietet l-omm bijoloġika tagħha. Jgħid li saret investigazzjoni minn naħa ta' Child Protection u nħarġet l-Ordni għal ħarsien. Eventwalment l-*care order* ġiet terminata minħabba li t-tifla ġiet adottata.

Mistoqsi meta għamlu l-investigazzjoni dwar l-allegazzjonojiet kienux talbu lil ħaddieħor biex ikunu jistgħu jagħmlu l-investigazzjoni wieġeb li peress li legalment il-kura u l-kustodja kienet f'idejn il-ġenituri *Omissis*, il-kunsens intalab lilhom.

In kontro-ezami spjega li l-kunsens intalab mill-ġenturi li legalment kellhom il-kura u l-kustodja u mhux ma min kienet qiegħda tgħix. Spjega li t-tifla kienet telqet mingħand is-

Sinjuri *Omissis* peress li bdiet tesprimi skumdita' ma bdietx tmur tajjeb mal-*adoptive parents,* u kienet qalet li dak in-nhar li telqet, ommha kienet qiegħda tkun aggressiva magħha. Ikkonferma li kien hemm rapport ta' abbuż fiżiku fil-konfront tal-adoptive parents u li eventwalment kien hemm rapport li sar ġewwa l-Għassa tan-Naxxar. Jgħid li l-Puliizja kienu ħa jipproċedu fuq dak il-każ umbagħad it-tifla eventwalment kienet qalet li tixtieq li twaqqa' dawk l-akkużi li għamlet fil-konfront tal-ġenituri tagħha. Dan kien sar tramite il-Familja *Omissis* li kienet qiegħda tgħix magħhom dak iż-żmien. Ikkonferma li fil-konfront tas-Sinjur *Omissis*, il-minuri għamlet allegazzjoni oħra ta' abbuż sesswali u meta marret għand is-Sur *Omissis* għamlet allegazzjoni ta' abbuż sesswali.

Fis-seduta tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), inqraw l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali datati l-ħdax (11) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) u l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat b'mod sommarju. Fl-istess seduta jiġifieri tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) reġa xehed **Samuel Fenech** ri-prodott mill-Prosekuzzjoni fejn esebixxa l-kunsens li taw il-ġenituri addottivita' *Omissis* biex jirreferu l-każ lil Vice Quad, immarkat bħala Dok.SF2.

Fis-seduta ta' nhar is-sittax (16) ta' Frar tas-sena elfejn u ħmistax (2015), xehdet l-**Ispettur Louise Calleja** in kontro-eżami fejn ikkonfermat li meta fix-xhieda tagħha hi semmiet li kienet tkellmet mat-tifla tal-imputat hi bdiet tirreferi għal *Omissis*. Ikkonfermat li *Omissis* ma qalet xejn fuq il-karattru tal-minuri *Omissis*. Mistoqsija għala meta kellha informazzjoni mingħand *Omissis* li l-imputat bagħbas lit-tifla tiegħu fil-preżenza tagħha ma ħadux passi kontra s-Sur *Omissis* dwar dan u mistoqsija jekk dan huwa hekk peress li ma emmnux lil *Omissis* wiġbet li meta jkollha dik l-allegazzjoni trid tikkonferma mal-persuna, qalet li normalment ir-rapporti jidħlu direttament mill-persuna li tkun sfat vittma. Qalet dwar dan il-każ hi kellha informazzjoni u riedet tivverifika. Qalet li jekk din tgħid li ma għamlilha xejn ma tistax tieħu passi, talbet li tivverfika dwar dan. Spjegat li

ma jfissierx li jekk tkun ġrat xi ħaġa l-persuna qed jinnega jfisser li l-oħra qiegħda tigdeb jiġifieri f'dan il-każ ma jfissirx li l-minuri kienet qiegdħa tidgeb. *Omissis*[9] qalet ma kienx minnu.

Mistoqsija jekk issoġġettawx il-minuri għal testijiet, wieġbet li le. Spjegat li ma għamlu l-ebda allegazzjoni ta' sitwazzjoni ta' penerazzjoni u normalment tmur għal eżami mediku meta jkollok dawn l-allegazzjonijiet.

Mistqosija jekk qabdux family therapist, social worker wieġbet li huma jżommu kuntatt mal-Aġenzija *Omissis* umbagħad sta għalihom li jekk iridu jagħmlu follow up fuq din it-tifla. Mistoqsija jekk tiftakarx li *Omissis* kienet qalet x'kienet tara lil *Omissis* tagħmel, affarijiet sesswali bħal li timmasturba, tmiss il-part tagħha, tipprovoka lill-irġiel, irrispondiet li mill-memorja ma tistax tiftakar iżda hemm id-dikjarazzjoni jew noti ta' dak li kienet qaltilha. Qalet li dikjarazzjoni ma tiġix esebita fil-proċess hi xehdet fuqha u qalet li jista' jkun hemm dikjarazzjoni peress li bagħtu għaliha biex ikelmuha.

Fis-seduta tas-sittax (16) ta' Frar tas-sena elfejn u ħmistax (2015), xehdet **Anthea D'Amico** in kontro-eżami. Mistoqsija meta kien l-aħħar kuntatt ma' *Omissis* irrispondiet li dalgħodu għax tgħix magħhom. Qalet li kienet is-*social contact* għal ħabta tal-2006 *on and off* sakemm ġiet addottata. Spjegat li bħala *social contact* tkun meta tfal jgħixu fl-istitut ikollhom ħbieb magħrufha mis-soru u minn l-Awtoritajiet li joħorġuhom. Qalet li hija '*councillor*' ġenerali. Bejn l-2004 u l-2005 jew 2006 kienet social worker u mill-2006 social contact. Mistoqsija hija kkonfermat li omm il-minuri stqarret magħha li *Omissis* l-imputat kien ġiegħla tagħmel sess magħha, dan saret tafu waqt li kienet *social worker.* Hija kienet infurmat lis-superjuri tagħha, dak iż-żmien Katya kienet il-Leader tat-Team. Tgħid li għamlet referral ukoll lic-*Child Protection Services*. Dwar l-allegazzjoni li *Omissis* tat-Taxi

---

[9] Fit-traskrizzjoni tax-xhieda a fol 249 tniżżel l-isem '*Omissis*' mhux '*Omissis*'

kien għamel l-abbuż fuq din il-familja kellha informazjzoni li qaltilha biha s-*social worker* ta' qabilha, jiġifieri qabel l-elfejn u erbgħa (2004).

Mistoqsija jekk saqsietiex għala ħarbet mingħand l-*adoptive parents* u regħġet marret proprju għand dawn iz-zijiet li kien hemm allegazzjoni dwarhom fuq abbuż, qalet li għax ma ħassiethiex mifhuma bħal ħafna teenagers ta' dik l-eta' u ħasbet li tal-familja, tad-demm ikunu jistgħu jifmuha aħjar. Tgħid li hi taraha f'ħafna tfal li jkun hemm din l-idea illi min hu tad-demm vera jħobbok min m'huwiex tad-demm ma jistax iħobbok għax huma jħossuhom ħafna *rejected* u *alone*. Qalet li li hija ħaġa komuni ħafna fost it-tfal li jkunu f'Istitut u *Omissis* esperjenzat Istitut anke meta kienet iżgħar. Il-kura u l-attenzjoni f'Istitut m'hijiex l-istess bħala familja allura dejjem ikollhom din il-fantasija li mal-familja biss jistgħu ikunu kuntenti, ma min hu tad-demm. Mistoqsija jekk apparti ż-żewġ episodju li semmejt fix-xhieda tagħha, waħda meta tela' *Omissis* s-sur *Omissis* u l-ieħor marret tgħannaqa minn wara u nħasdet u kienet semmiet li z-ziju kien joqgħod jorokha miegħu semmietx affarijiet oħra, wieġbet li iva kienet qalet li kien jgħidilha li kien jagħmel hekk biex jgħallimha għax meta jkollha raġel fil-futur għandha bżonn tkun tafhom dawn l-affarijiet u hu qed jagħmlilha pjaċir.

Mistoqsija fejn ġraw dawn l-affarijiet, xedhet li semmiet darba ġo van[10] għax forsi kienet akkumpanjatu fuq xi qadja x'imkien, tgħid li aktar tkelmu fuq l-effetti li ħalliet fuqha din il-kaġa. Mistqosija jekk fil-konfront ta' *Omissis* allegazzjoni ta' darba semmiet, wieġbet li le, aktar min darba. Mistoqsija kif dejjem fil-van, wieġbet li bħala post ma qagħdietx tagħmel lista bil-postijiet differenti pero' bħala episodju semmiet li kien imissha b'subgħajh, kien jorokha miegħu, kien itiha ċertu diskors dawn l-affarijiet.

---

[10] It-traskrizzzjoni a fol 258 taqra 'Giovanne'

Mistoqsija jekk dwar il-masturbazzjoni il-minuri qaltilhiex li ġieli ġiet imċanfra dwar dan l-atteġjament minn xi membri tal-familja wieġbet li mhux minn membri tal-familja imma Sister Madeleine kienet qaltilha li kellha din l-imġieba qalet għax hi bħal Sister Madeleine jafu li meta tkun imġieba hekk hija sinjal sintomu ta' abbuż. Xehdet li Sister Madeleine sabietha u li Sister Madeleine qaltilha b'din il-ħaġa u anke t-tifla kienet open magħha. Tkellmu u qalu li kienet ħaġa normali għall-eta' tagħha. Misoqsija jekk tifla ta' tnax (12), tlettax (13) -il sena normali li timmasturba kuljum, wieġbet li kienet ikbar, kienet għandha ta' ħmistax (15), sittax (16) u qalet ta' dik l-eta' biex tgħinha pruvat tinnormalizzaha u fl-istess ħin tfehma li jekk tkun xi ħaġa ta' spiss illi ma tistax tikkontrolla huwa r-riżultati iktar tal-abbuż u hemmhekk fejn trid qisu tieħu ħsieb lilha nnifisha. Qalet li l-masturbazzjoni hija xi ħaġa normali fit-teenagers, qalet li mhux kuljum imma hemm fażi t'esperimentazzjomi sesswali hemm ħafna *literature* fuq hekk imma kuljum huwa sintomu ħafna drabi ta' abbuż.

Tgħid li l-minuri ma għadhiex għaddejja minnha l-problema u li kienet iddejjaqha wkoll. Spjegat li Sister Madeleine tkellmet magħha dwar dan wara li l-ewwel ġiet *adopted*, umbagħad ħarbet, umbagħad ġara l-abbuż, umbagħad reġgħet telqet minn hemm u marret għand Sister Madeleine u kienet mejuna minn xi ħadd biex terġa tmur għand Sister Madeleine fuq parir ta' xi relative. Mistoqsija dwar abbuż jekk semmietx subien oħra li kienu magħha l-Istitut per ezempju wieġbet li le.

Fis-seduta ta' nhar is-sittax (16) ta' Frar tas-sena elfejn u ħmistax (2015) xehed **PC 1359 Reuben Zammit** in kontro-eżami. Huwa ma kienx ċert jekk kienx hemm cash register fil-grocer u jekk kellu f'liema kamra kienet. Mistoqsi għandux kopja ta' ritratti li ttieħdu wieġeb li le. Jgħid li ma jiftakarx ħadhomx hu r-ritratti u aktar il-quddiem jgħid li ma ħadhomx hu r-ritratti. Jgħid li dak iż-żmien hu kien stazzjonat il-Vice Squad mhux Forensika, huwa għamel l-arrest. Ikkonferma li kien preżenti meta marru tat-aqsima tal-Forensika jieħdu r-ritratti tal-grocer. Lanqas jiftakar jekk il-cash register tidhircx minn

barra u lanqas fejn kienet il-fridge freezer fil-ħanut. Li jiftakar hu li hemm *stalls* biss fin-nofs żewġ naħat jekk mhx sejjer żball iżda mhux ċert.

Fis-seduta ta' nhar il-ħdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015)[11] xehdet bil-ġurament **WPS 209 Rachel Aquilina** fejn meta mistoqsija jekk il-minuri *Omissis* semmietx jekk il-grada kinietx fuq in-naħa ta' ġewwa tar-razzett, qalet li le semmiet il-grada tar-razzett. Qalet li ma ma marritx fuq il-post. Mistoqsija jekk dwar l-abbuż, il-minuri semmietx jekk dan kienx fuq mhedda ta' ġimgħa, xahar jew kemm żmien qalet li xhur, tiftakar li qalet li l-ewwel darba li seħħ ir-razzett kien f'Ġunju 2011 umbagħad f'Ġunju 2011 kienet marret tgħix magħhom umbagħad li l-minuri semmiet żġur Awissu tal-2011 u okkazzjoni oħra għal Settembru.

Ikkonfermat li l-minuri semmiet li f'xi okkażżjonijiet ma' *Omissis* kien ikun hemm it-tifla tal-imputat, *Omissis*. Qalet li qatt ma kellmet lil *Omissis*. Mistoqsija jekk il-minuri semmietx post ieħor fejn kien isir xi tip ta' abbuż ieħor semmiet il-ħanut tal-imputat. Fir-residenza tagħhom semmiet li missilha l-partijiet privati tagħha.

Fis-seduta ta' nhar it-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) xehdet in kontro-eżami **Sister Madeleine Cauchi**. Tgħid li kienet social worker fir-rispett tat-tfal biss bħala *residential social worker* tieħu ħsieb it-tfal fid-djar tagħhom. Qalet li kienet social worker f'ambitu ta' familja hu l-minuri kien *in care* ukoll għandhom. Hija taf il-familja bħala familja sħiħa pero' xogħlha dirett mat-tfal. Tgħid li l-minuri ma huha dejjem kien hemm bond qawwija ħafna, huma ma kienux jgħaddu mingħajr xulxin u hu kien jieħu ħafna ħsieb lil oħtu peress li ikbar minnha. Dejjem iddefenda lil oħtu. Tgħid li dwar l-omm kienu jidhru jinħabbu, kien hemm relazzjoni tajba imma kien hemm *short comings*

---

[11] It-traskrizzjoni tax-xhieda taqra li hija xehdet in kontro-eżami nhar it-30 ta' Marzu, 2015 iżda mill-verbal jirriżulta li dan kien il-11 ta' Mejju, 2015

minħabba l-mard. Mistoqsija jekk kienx hemm problemi mit-tifla ma kull figura t'awtorita' fuqha wieġbet li le fil-verita' ma taħsibx.

Qalet li dwar l-omm li forsi trid tagħmel hekk u l-omm tgħidilha le imma mhux affarijiet. Qalet li hemm tfal li jesebixxu *sexualise behaviour* il-hin kollu *without any inhibitions*. Tgħid li t-tifla ma kinitx hekk, u tispjega li ma tistax tgħid li t-tifla kellha mġieba vulgari. Mistoqsija '*jigifieri inti qatt ma qbadtha taghmel xejn lil Omissis u qatt ma tkellimt fuq jista' jkun certu sexualise behaviour ta' Omissis ma' haddiehor*.' Wieġbet '*le ta' Omissis ma' haddiehor le. Pero' I mean lanqas nista' nghidlek li niftakar li qbadtha hekk jekk hekk pero' ma haddiehor zgur li le (...) Like any normal child ehe jista' jkun kienet timmastruaba fis-sodda perezempju s'hemm nista' ngħid.*' Qalet li ħafna tfal jagħmluha. Qalet li dawn affarijiet normalissimi fit-tfal. Qalet '*nine (9) out of ten (10) mit-tfal jimmasturbaw*.' Tgħid li dan mhux sexualise behaviour, li '*that is a norm of development in children*'. Qalet li hija qualified *social worker* mill-Universita ta' Malta, gradwat fis-sena 1998. Spjegat li dwar masturbazzjoni kienet qiegħda titkellem għal meta il-minuri kienet żgħira u mhux qiegħda tirreferi ghas-sena elfejn u ħdax (2011). Qalet li ma tafx x'kienet tagħmel il-minuri fl-elfejn u ħdax (2011) għax kienet tfajla u għandha l-privatezza tagħha.

Meta mistoqsija bħala tip t'abbuż it-tifla x'qaltlek li għamlilha wieġbet li sess magħha minn quddiem, minn wara. Bil-*penetration* b'kollox. Tgħid li l-minuri qatt ma bidlet il-verżjoni. Dejjem kienet konsistenti u tgħid li l-ħaġa li żgurata li l-minuri kienet abbużata hi li meta kienet żgħira kienet brillanti anke fl-iskola, kienet *smart*, *very happy* u *happy go lucky* u tgħid li l-bidla li rat fil-minuri meta ġiet f'Settembru 2011 kienet tal-biki. Tispjega li l-minuri ma baqgħetx temmen fiha nfisha, tarmi lilha nfisha, tippanikja anke quddiem sempliċi *homework*. Tgħid li marret lura fl-iskola, tispjega li mhux imġieba ħażina imma tgħid li Sister minn *Omissis* ċemplitilha u kienet tgħidlha biex tgħina. Mistoqsija fejn seħħ l-abbuż qalet li ma qatt ma marret fil-post iżda semmiet fil-grocer wara, qalet forsi diviż b'xi purtuera jew xi kamra iżjed il-ġewwa. Tgħid li qatt ma kien hemm nies oħra preżenti fil-ħanut meta kien jiġri dan. Xehdet li semmiet xi post ieħor fejn kellu xi annimali

x'imkien fil-kampanja. Sa fejn taf hi post privat fejn kienu jżommu xi klieb xi annimali. Mingħaliha li l-kura u kustodja kienet għand l-*adoptive parents Omissis* u *Omissis*.

Fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) xehdet ukoll Sister **Rosette Camilleri** fejn spjegat li l-inkarigu tagħha kien ta' *house mother* tal-minuri *Omissis* għal diversi snin meta kienet iżgħar iżda mhux meta ġara l-każ. Spjegat li għal xi żmien *Omissis* kien magħhom ukoll peress li meta jkunu żgħar l-aħwa jkunu flimkien. L-omm kienet tiltaqa' magħha meta tiġi għat-tfal fil-weekends jew xi festi jew *through board meetings* li kien ikollhom. Tgħid li l-*behaviour* ta' *Omissis* mal-omm u ma ħuha kienet taraha tajba. Hija kkonfermat li xehdet a fol 202 tal-proċess. Tgħid li ma ħassietx li din ir-relazzjoni tal-minuri mal-omm affetwata karatteralment lil *Omissis* versu l-atteġament tagħha ma tfal oħra. Tgħid li kienet tmur tajjeb mat-tfal l-oħra, lil huha kienet tħobbu immensament u l-omm baqgħet tfittixiha. Tgħid li baqgħet xorta tħobbha ħafna.

Fis-seduta ta' nhar it-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015), l-imputat iddikjara li mhux ser jixhed. F'dik is-seduta xehdet ***Omissis*** li tiġi z-zija tal-minuri jiġifieri oħt ommha. Tgħid li l-minuri *Omissis* kienet tifla imqarrba. Tgħid li oħtha Vicky kienet marida, kienet ilha minn mindu kienet żgħira. Kienet iżomm it-tfal tagħha *Omissis* u *Omissis* hu *Omissis* peress li ommha kienet dejjem marida u dejjem tintilef minn sensiha u kienu jċempluli l-ġirien biex titla n-Naxxar id-dar ta' Vicky għax it-tfal qegħdin jibku għax kienu żgħar. Tgħid li kienet tmur tiqsihom, tbiddlilhom u kienu jċemplu l-ambulanza biex Vicky tieħu l-kura. Qabel ma mietet, ommhom daħliethom fl-istitut. Tgħid li umbgħad tilfu kull kuntatt magħhom. Tgħid li lit-tfal l-aħħar li rathom kien fl-elfejn u għaxra (2010) umbad wara l-Istitut fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010) il-minuri *Omissis* ħarbet mid-dar tal-ġenituri li addottawhom *Omissis* u *Omissis* u ġiet ttħabbat id-dar tagħha u qaltilha li ma tistax iżzommha. Ħaduha l-Għassa tal-Mosta u ġie *Omissis* għaliha u ħadha miegħu d-dar. Fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) tgħid li l-minuri reġgħet ħarbet, rikbet van isfar u din id-darba marret għand *Omissis*, il-kuġina tagħha in-Naxxar. Ċemplitilha

*Omissis* u qaltilha li *Omissis* reġgħet ħarbet u x-xhud qaltilha li ma tistax iżommha. Pero' umbgħad huma kienu jżommuha għal weekend u *Omissis* kienet iżommha mit-Tnejn sal-Ġimgħa peress li kienet tmur l-iskola. Dan kien għal madwar sena.

Mistoqsija kif kienet iġġib ruħha *Omissis* dak iż-żmien fil-*weekends* irrispondiet li *Omissis* kienet għardieta ħafna, kienet tgħir għat-tifla *Omissis*. Tgħid li kienet tixtrilha l-affarijiet għall-iskola u kotba. *Omissis* kienet taħdem fil-ħanut tagħhom. Qalet li Awwissu tas-sena elfejn u għaxra (2010) għadet xahar kollu.

Tgħid li darba minnhom fit-tmienja ta' filgħodu (8:00am) kellha l-bieb imbexxaq *Omissis*, qalet li tqajjimha s-soltu hi u ratha qed tilgħab b'ġisimha bil-lożor, tgħid li kienet issibhom imgerbin il-lożor. Dak iż-żmien tgħid li l-minuri kellha erbatax (14) -il sena. Kienet staqsiet x'qed tagħmel u wieġbet li qiegħda tagħmel '*horsey*'. Qaltilha biex ma tagħmilx dawk l-affarijiet id-dar tagħha. Kienet ċemplet lil *Omissis* u qaltilha x'inhi tagħmel, u qaltilha li anke hi sabet il-lożor l-istess hekk u darba *Omissis* staqsietha x'qed tagħmel u qaltilha li qed tagħmel '*horsey*'. Qalet li kienet tħalli ħafna ħmieġ fil-kamra tal-banju, pads maħmuġin u qaltilha biex dawn -affarijiet ma tagħmilhox hawn. Qalet li darba kienu qegħdin jaraw it-television hi, r-raġel u *Omissis* u ħarġet għarwiena ħuta. Qalet li għajtet magħha u ikkoreġita biex dawk l-affarijiet ma tagħmilhomx u l-minuri tidhak dawk l-affarijeit qishom mhu xejn għaliha. Tgħid li r-raġel ħares ħa jara x'ġara u qaltlu ħares l'hemm għax it-tifla hekk u hekk qiegħda u li għajtet magħha u daħlet tiġri fil-bathrroom u qaltilha biex tmur tilbes. Qalet li meta tifrex, darba minnhom firxet waqt li kienet l-iskola u sabet il-liżar kif spjegat u darba fil-weekend reġgħet ġiet u reġgħet sabitu hekk, tgerbeb il-lożor. Tgħid li kellha subien jgħixu magħha d-dar, wieħed dejjem xogħol u l-ieħor mal-kunjata pero' qatt ma kienu ddar is-subien. Ikkonfermat li t-tifla qatt ma fetħet qalbha magħha li kien qed jiġri xi ħaġa fid-dar.

In kontro-eżami qalet li fil-*holidays* kienet tkun għandhom imma xi kultant kienet tieħodha *Omissis* biex tmur magħha l-baħar. Mistoqsija jekk iż-żewġt'itfal kienu jkunu

għandha jiġifieri *Omissis* u *Omissis* wieġbet li *Omissis* biss. Kellha erbatax-il sena meta qalet li qed tagħmel '*horsey*'. It-tifla tagħha hija akbar, għandha wieħed u għoxrin (21) sena u *Omissis* għandha dsatax (19) -il sena. Qalet li ikkoreġitha, kelmitha u ċemplet lil *Omissis* biex tara jekk qiegħda tagħmel hekk id-dar tagħha u *Omissis* qalet li l-istess ħaġa qed tagħmel. Ikkonfermat li għaliha kienet xi ħaġa ta' barra minn hawn għax dawk l-affarijiet ma tagħmilhomx u kellha s-subien id-dar. Spjegat li s-subien ma kienux jgħixu hemm pero' kien hemm ir-raġel. Qalet li inkwetat għax mhux tajba toqgħod tagħmel hekk u għax għandha r-raġel ukoll. Dwar il-ħmieġ fil-kamra tal-banju qaltilha biex tiżbarazza u tnaddaf, ikkoreġieta. In re-eżami qalet li t-tifla tagħha *Omissis* qatt ma għamlithom dawn l-affarijiet. Ikkonfermat li kellhom ħanut.

Fis-seduta ta' nhar l-għoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016), xehdet ***Omissis*** fejn spjegat li fid-data tax-xhieda tagħha kellha wieħed u għoxrin (21) sena. Tgħid li hija l-kuġina ta' *Omissis* u li ila ma taraha madwar erba' (4) snin, ratha l-aħħar fl-elfejn u ħdax (2011). Tgħid li kellha ordni mill-Qorti biex ma tkellimiex. Tgħid li fl-2011 *Omissis* kellha ħmistax (15)-il sena. Tgħid li *Omissis* kienet tkun ma' *Omissis* meta tkun l-iskola umbagħad fil-*weekends* kienet tiġi toqgħod għandhom. Tispjega li *Omissis* tiġi l-kuġina ta' omm ix-xhud. Fis-sajf għal ħabta ta' Awissu tas-sena 2011 ġiet toqgħod għandhom fil-vaganzi. Ikkonfermat li fiż-żmien li qalet li kienet tiltaqa' magħhom *Omissis* kienet tgħix magħhom. Qalet li fis-sajf damet xahar tgħix magħhom umbagħad telqet, damet total ta' xi sena tgħix magħhom.

Tgħid li *Omissis* kienet fuq ruħha ħafna, ma kienet tapprezza xejn u lanqas kienet tgħin fid-dar. Kienet pastaza. Fuq mistoqsija mill-Qorti '*Pastaza x'inhi?*' wieġbet f'dak is-sens li kienet tmiss il-parti tagħha bil-lejl, kienet magħha fil-kamra bil-lejl. Qalet li meta kienet tħares lejha kienet tgħidilha li kienet tmiss il-parti tagħha biex tkun tista' torqod. Qalet li f'Awissu kienet raqdet fil-kamra magħha xahar umbagħad meta kienet skola kienet torqod fil-weekend biss. Kull meta ġiet dejjem raqdet fl-istess kamra magħha. Tgħid li kull lejl kienet tagħmel hekk, kienet tmiss il-parti tagħha kull lejl. Tgħid li f'Awwissu

darba minnhom ratha għerwiena, ħarġet mill-kamra tal-banju għerwiena u darba' oħra kixfet il-warrani fil-ħanut.

Tgħid li l-ħanut kien *Omissis*, kien grocer u hi u missierha kienet taħdem fih, hi kienet kaxxiera wkoll. Tgħid li l-ħanut hu ta' misserha. Tgħid li *Omissis* f'Awwissu kienet tiġi magħha meta kienet tkun il-ħanut u ġieli toqgħod tgħajjeb lin-nies minn wara darhom u allura kienet tgħidlha biex tieqaf imma xorta kienet tibqa' sejra hekk.

Dwar il-ħanut tispjega li kif tidħol kont isisb bank tal-cash, umbagħad l-ixkaffa f'naħa, xkaffa fin-nofs umbagħad bieb kannella u x'ħin tiftħu kont issib box room. Tispjega li umbagħad tara bieb tal-ħġieġ li x'ħin tiftħu ssib toilet bis-shower u sink. Qalet li kienu jiftħu mis-sebgħa ta' filgħodu (7:00am) sas-sebgħa ta' filgħaxija (7:00pm), ma jagħlqux. Qalet li *Omissis* kienet tinżel hemmhekk spiss, jiġifieri kull meta kienet tmur ix-xhud kienu tmur hi wkoll. Hi kienet tkun magħha mal-cash, ġieli waħedhom u ġieli kien ikun hemm missierha u għalhekk kienet titla' d-dar biex tiekol u tistrieħ naqra u *Omissis* kienet tmur magħha. Fuq mistoqsija tal-Qorti ikkonfermat li *Omissis* qatt ma kienet waħedha ma' missierha.

Tgħid li hi u *Omissis* dejjem kienu jiġġieldu, qalet li darba *Omissis* qalet li *Omissis* l-missier addottiv kien uriha film porn. Tgħid li hi għandha żewġ subien oħra ħutha wieħed *Omissis* għandu disgħa u għoxrin (29) u *Omissis* sebgħa u għoxrin (27). Il-kbir miżżewweġ u l-ieħor dejjem xogħol. Ikkonfermat li hi għada tgħix id-dar.

Fis-seduta tat-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdet ***Omissis*** in kontro-eżami li ikkonfermat li dejjem kienet tgħix mal-ġenituri tagħhom. Tgħid li *Omissis* kienet tiġi weekends meta kellha l-iskola għax umbagħad kienet tkun ma' *Omissis* fost il-ġimgħa. Fil-holidays tas-sajf marret tgħix magħhom għal qisu tlett (3) xhur. Qalet li anke fil-vaganzi tal-Milied u l-Easter. Kienet toqgħod fl-istess kamra. Mistoqsija jekk taf ir-raġuni għala *Omissis* waqfet tmur għandhom wieġbet għax xebgħet u riedet titlaq

umbagħad ġie is-*social worker* Samuel għaliha dak li taf. Tgħid li hi kienet twissiha u li *Omissis* rasha iebsa, dejjem hekk kienet. Tgħid li ma jidhirliex li *Omissis* kienet waħedha ma' missierha. Tgħid li meta kienet tmur torqod id-dar wara nofs-in-nhar kienet titla magħha. Tgħid li meta kienet tqum dejjem sabitha hemm ħdejha. Meta kienet ma tiflaħx xorta kienet tmur il-ħanut. Tgħid li kienu jiġġieldu. Qalet li ġieli marret il-Pitkalija ma missierha u li *Omissis* ma kinitx tiġi magħhom imma ma għandhiex idea jekk *Omissis* ġieli marret il-Pitkalija waħedha ma missierha. Tgħid li wieħed minn huha li jgħix Malta dejjem xogħol kien ikun.

Fis-seduta ta' nhar l-4 ta' Ottubru, 2016 xehdet ***Omissis*** li qalet li *Omissis* huwa r-raġel ta' kuġintha. Tgħid li meta Samuel Fenech mill-*Omissis* ġab il-*Omissis* kien is-Sibt wara nofsinhar. Qalet li *Omissis* ġiet bit-trab, ħafja b'shorts. Qalet li telqet mingħand il-ġenituri addottivi tagħha. Qalet li bdew jiġru warajha u li anke l-Pulizija u li bdiet tistaħba minn karozza għall-oħra. Qalet li mis-Siġġiewi wasalha wieħed. Il-Pulizija qalulha biex tmur l-Għassa tal-Mosta għax hi bdiet tgħid li sawtuha l-ġenituri addottivi tagħha. Qalet li bdiet tibki ma riditx tmur, qaltilha le immorru u l-Pulizija qalulhom biex jieħduha l-polyclinic peress li t-tifla qiegħda tgħid li ġiet imsawta. Il-Pulizija qalulha li trid terġa tmur għandhom u hi qalet li jekk jieħduha tagħmel suwiċidju u taqbeż. Allura żammitha minn Settembru sa' Ġunju tas-sena ta' wara. Tgħid li lil Samuel kienet tgħidlu li mifluġa bix-xogħol u li ma tistax iżżommha. Tgħid li kienet tgħid lil Samuel Fenech li kif tispiċċa l-iskola trid tmur għand żijietha. Tgħid li għada s'issa tħobbha avolja għaddieta miinn ħafna affarijiet imma tbeżżaha kieku kellha terġa żżommha ma żżommiex għax raw ħafna minnha. Tgħid li fil-bidu kienet anġlu tas-sema, it-tifla tixtirlha u tieħodha għand il-hairsresser, it-tifel tagħha kien jagħtiha *pocket money* għax kien jaf li qegħdin jagħmlu żżejjed magħha. Xehdet li *Omissis* bdiet tgħidilha li trid iċċempel lil missierha, ċemplitlu u qalilha li postok mhux hemmhekk imma mal-ġenituri addotati u bdiet qisha tivvendika ruħha minnhom eżempju pads fil-kxaxen nodfa twaddabhom mal-ħwejjeġ in-notfa. Qalet li bħala karattru bdiet tiggrava eżempju tara lit-tifel tax-xhud u lir-raġel u tħokk il-parti tagħha. Kienet ħaditha għand tabib u vera kellha infection, imma l-infection ma

kinitx ġejja mix-xejn imma għax kienet toqgħod tagħmel ċertu affarijiet. Tgħid li kienet '*tgebbeb*'. Ix-xhud tgħid li l-lożor tat-tfal tagħha qatt ma ssibhom mgħaffġinu darba minnhom qabditha għax ħabtitilha u ma semgħatiex u fetħet fuqha u staqsiet x'qed tagħmel, u ratha '*tissara*'. Qaltilha li jekk ma tagħmilx dawn l-affarijiet ma torqodx. Tgħid li lis-*social worker* kemm il-darba ċċempillu u daqqa laqgħa, daqqa qiegħed hemm u meta kien jiġi d-dar ikellem lit-tifla kienet tistaqsih tistax tkellmu u kien jgħidilha li t-tifla giddieba, lit-tifla temminiex, tħallix lis-Sur *Omissis* waħedha pero' lilha qatt ma semgħaha, qatt ma qalilha kif inhi sejra t-tifla. Tispjega s-Sur *Omissis* huwa r-raġel tax-xhud. Tgħid li wara Ġunju kienet tiltaqa' u meta kienet iltaqgħet il-festa staqsiet lil minuri kif inhi sejra u qaltilha li orajt sejra tajjeb. Qalet li hi dejjem kienet tistaqsiha fejn tkun marret, jekk ħaditx goat maz-zija *Omissis* u maz-ziju *Omissis* u qatt '*ma qaltli daqshekk fuqhom qatt.*'

In kontro-eżami iċċarat li s-Sibt wara nofsinhar *Omissis* ġiet waħedha mhux mas-*social worker* Samuel. Qalet li l-Ġimgħa lanqas kienet tinħasel għandha għax kien ikollha ġenn biex tmur għand *Omissis*. Fid-dar ta' *Omissis* kienu joqgħodu t-tifel u t-tifla. Semmiet ukoll toilet paper li kienet issib imkebbeb. Tgħid li hi ma tkellmet ma ħadd għax ma kelliex ma min titkellem, lanqas mar-raġel ma tkellmet għax kieku kien jgħidilha waddabha l-barra issa. Qalet li bdiet titħassarha. Lanqas lit-tabib tal-familja ma qalet, lit-tabiba ħaditha u sabilha infection. Tgħid li mas-Sinjura *Omissis* ma tkelmitx mill-bidu imma wara. Qalet li kienet tistaqsiha jekk qiegħda tinnotaha lit-tifla x'inhi tagħmel u qaltilha li iva imma li qatt ma qabditha tagħmel xejn imma t-tifla kienet qabditha. Tgħid li dak iż-żmien *Omissis* kellha sittax (16) -il sena. Mistoqsija jekk qatt kellha kuntatt ma' *social workers* oħrajn jew xi ħaddieħor mill-*Omissis* wieġbet li le qatt ma laqawhom ma ħadd. Tgħid li hi ma xtaqietx iżżommha sitt (6) xhur, tgħid li kellha tfal ta' oħta disabled, illum metja u omma għamja. Qalet li xi Frar imma mhux ta' din is-sena kienet ċemplet kuġinta u qaltilha li ġiet *Omissis*, li ħarbet mingħand is-*social worker* pero' hi ma tafx meta kellha l-aħħar kuntatt. Wara Ġunju marret għand żijietha, għand *Omissis*. Tgħid li meta kienet tkellimha u ssaqsiha kif sejra kienet tgħidilha li orrajt tajjeb, tmur ma' *Omissis* l-ħanut. Qalet li qablu

bejnhom u *Omissis* biex tibda tmur għandhom u anke flus kienu jgħinuha. Jekk mini bus kienet mitt ewro, kuġintha kienet tatiha 50, meta għamlulha nuċċali, tawhom nofshom. Mistoqsija jekk avolja l-problema tas-sodda jew li qabduha tagħmel xorta qablu li tmur toqgħod għand *Omissis* f'Ġunju irrispondiet '*mela*'.

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa bbażat fuq l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti senjatament li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi mressqa quddiemha. Kif irritenew il-Qrati ta' Malta, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. Kif ġie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. J. Agius) vs Guzeppi Bilocca**[12]:

'*Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is- sens "inter alia" l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[13]" ; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi** [14]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer***

---

[12] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar, 2009 (Appell numru 273/2008)

[13] Deċiz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994;

[14] Deċiz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar 1989;

***Pace***[15]*"; "**__Il-Pulizija vs. Anthony Zammit__**[16]" u ohrajn.*' (Emfażi miżjuda u dati tas-sentenzi miktuba bħala referenza hawn isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna)

Il-Qorti kompliet tikkunsidra:

*'Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn* ***LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY*** *fil-kawza "**__R. v. Cooper__**"*[17] *(in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968)* (Dettalji dwar din il-kawża kif ċitata fl-appell ċitat jinstabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna*)*:-

"*assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed*." (Ara wkoll **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (1991) , p. 1392).

*Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**__Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt__**"*[18]*, inghad illi :-*

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju*

---

[15] Deċiz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991;

[16] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991;

[17] [1969] 1 QB 276

[18] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Diċembru 1994;

*ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta .... , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l- apprezzament*". (Referenza tal-kawża miktuba aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna)

L-appellant għamel referenza għad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fejn fis-sentenza hawn appellata kienet laqgħet it-talba tal-imputat u sfilzat l-istqarrija tal-istess imputat u dan wara r-rikors tal-imputat datat is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016). Għaldaqstant l-Ewwel Qorti kellha ssejjes id-deċiżjoni tagħha biss fuq ix-xhieda l-oħra kollha. L-appellant jemfasizza li x-xhieda mressqa xehdu *detto del detto* peress li rrakontaw storja li qaltilhom l-minuri stess filwaqt li kienet biss il-minuri li xehdet dwar dak li allegatament seħħ.

Huwa minnu illi l-Qorti thares b'ċerta riluttanza lejn ix-xhieda magħmula permezz ta' kliem ta' ħaddiehor – dak illi huwa komunament magħruf bħala "*hearsay*". Dana il għaliex dak il-kliem ma jkunx soġġett għall-kontroll u lanqas ma ghandek is-sigurtà ta' xhieda mogħtija bil-ġurament. Però, hemm eċċezzjonijiet, liema eċċezzjonijiet jinsabu fil-liġi civili reżi applikabbli għall-proceduri kriminali.

Din il-Qorti diġa' kellha okkazjoni sabiex tippronuncja ruhha fuq din il-punt. Safejn f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tista' toqgħod fuq ix-xhieda ta' kliem ħaddiehor meta ma jkunx hemm xhieda ohra fuq xhiex toqgħod, u tirreferi għall-kawza fl-ismijiet "**Ir-Repubblika vs John Borg** [19] fejn il-Qorti kellha l-istess kwistjoni quddiemha, xhieda ta' minuri bl-istess kuntest ta' korruzzjoni fuqha, u ghamlitha cara illi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-provi jkunu verament minimi il għaliex min jagħmel ir-reat jagħmel minn kollox sabiex jaħbi idejh, u mhux hekk biss, iżda juża influwenza emottiva fuq il-minuri sabiex dina ma titkellimx u ma tesponix lil dak li jkun għal vera kruha ta' għemilu.

Għalhekk din il-Qorti tħoss illi f'dawn iċ-ċirkostanzi jeżistu raġunijiet speċjali u

---

[19] Deċiża nhar id-9 ta Novembru 2011.

impellenti sabiex il-Qorti tieħu in konsiderazzjoni xhieda permezz ta' kliem ħaddiehor. Għalhekk din il-Qorti tħoss illi l-ewwel Qorti għamlet sew meta qieset ix-xhieda tal-Ispettur, ta' Anthea D'Amico, ix-xhieda tas-social workers Samuel Fenech, Colette Farrugia kif ukoll ta' Sister Madeliene Cauchi u xhieda ohra illi taw id-depożizzjoni tagħhom f'dawn l-atti, u kien jispetta lil dik il-Qorti sabiex tagħmel l-apprezzament tagħha ta' dawn il-provi bil-linji gwida kif enunċjati fl-artikolu 637 tal-Kap. 9, u tasal hi għall-konklużjoni dwar lil min trid temmen, u f'hiex trid temmen jew ma temmnux.

Il-Qorti rriferiet għal dan l-apprezzament għal aktar minn darba fis-sentenza tagħha u rriferiet għax-xhieda, kif xehdu, u dwar il-konsistenza tax-xhieda, liema apprezzament din il-Qorti mhiex sejra tiddisturba.

Dwar dan din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza dwar eċċezzjonijiet preliminari fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi'**[20] fejn ġie kkunsidrat:

*'Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa **Subramaniam v. Public Prosecutor** fejn insibu dan il-kliem:*

*'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'*

*Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew*

[20] Deċiża mill-Qorti Kriminali nhar l-24 ta' Ottubru, 2011 (33/2010)

*qraba fil-qrib tal-allegat vittma).*

*Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu.*

*Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ* ***<u>'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija'</u>***[21] *fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali.* (Emfżi miżjuda u dettalji tas-sentenza kif ċitatati mis-sentenza fin-noti ta' qiegħ il-paġna.)

*Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa fl- istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.*

*F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt:* ***<u>Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja</u>****). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:''*

*' Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il- Qorti.'*[22] ' *(*Dettalji tal-kawża li din is-sentenza ċċitat jinstabu fin-noti ta' qiegħ il-paġna)

Quddiem l-Ewwel Qorti xehdu numru ta' xhieda li għalkemm ma kienux preżenti waqt

---

[21] Deċiża fit-13 ta' Jannar, 1988

[22] 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' deċiża fl-1 ta' April 2011 preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

l-allegat abbuż iżda xehdu dwar l-involviment tagħhom mal-minuri u dwar dak li l-minuri irrakontat magħhom li għaddiet minnu. Għalhekk l-Ewwel Qorti kif għamlet din il-Qorti kellha l-opportunita' tgħarbel u tevalwa kemm ix-xhieda tal-minuri iżda anke x-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni li fil-maġġorparti jirrakontaw dak li qaltilhom il-minuri jew li qalet fil-preżenza tagħhom kif ukoll ix-xhieda mressqa mid-difiża li jiprovaw jiskreditaw lil minuri;

L-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti ma kellhiex l-opportunita' li tifli l-komportament tal-allegata vittma peress li hija kienet xehdet quddiem Qorti diversament preseduta. F'dan ir-rigward issir referenza għal verbal ta' nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn il-partijiet kienu eżentaw lil Qorti milli terġa' tisma x-xhieda li diġa′ nstemgħu mill-ġdid wara li kien hemm bdil tal-Maġistrat sedenti. Għalhekk din il-Qorti hija tal-opinjoni li wara li kien l-appellant stess li quddiem il-Qorti li ddeċiediet is-sentenza appellata eżenta lil Qorti milli terġa tisma' x-xhieda li kienu ġia instemgħu huwa fieragħ fi stadju ta' appell jilmenta dwar dan u jargumenta li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tifli u tgħarbel kif ġabet ruħha l-allegata vittma meta xehdet. Ix-xhieda mogħtija mill-minuri hija naturalment inserita fil-proċess u għalhekk l-Ewwel Qorti kellha tistudja x-xhieda tal-minuri u l-provi kollha mressqa li jinstabu fil-proċess biex tasal għad-deċiżjoni tagħha wara li l-partijiet eżentawha milli terġa tisma' x-xhieda li xehdu mill-ġdid. L-appellant setgħa faċilment għażel li ma jeżentax lil Qorti jew setgħa anke jeżenta l-Qorti milli terġa tisma' uħud mix-xhieda iżda jitlob li x-xhieda tal-minuri terġa tinstema;

Din il-Qorti sejra tevalwa jekk fuq il-provi li l-Ewwel Qorti kellha quddiema, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. Bħal kif għamlet l-ewwel Qorti, din il-Qorti sejra tiskarta kemm l-istqarrija tal-imputat li ġiet sfilzata u mhijiex ser tagħmel referenza għall-pre-sentencing report li kien redatt fl-isfond ta' ammissjoni da parti tal-imputat li kienet sussegwentement irtirata u lanqas ma ser tiehu konsiderazzjoni ta dak li qal l-appelant lill-ufficcjal investigattiv waqt l-investigazzjoni taghha.

L-appellant jilmenta dwar diskrepanzi fix-xhieda tal-minuri, tant li ma kinitx taf issemmi dati, ħinijiet u ġranet ta' meta allegatament ġraw l-inċidenti u li skont l-appellant ma hemm korroborazzjoni ta' xejn bi provi oħra. Dak li qiegħed jgħid l-appellant huwa li x-xhieda tal-minuri ma għandhiex mis-sewwa. Din il-Qorti għalhekk sejra tevalwa x-xhieda tal-minuri biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli meta għażlet li temmen il-verżjoni tal-minuri.

Il-minuri fix-xhieda tagħha ta' nhar l-għaxra (10) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tnax (2012) spjegat ampjament l-abbuż sesswali fiex kien jikkonsisti, tgħid li l-imputat kien imissilha l-parti privata tagħha u li '*kien ghamel habta imbaghad ma nafx meta, kien nizzilli l-qalziet imbaghad kien dahhal subajh tan-nofs u kont nisma' l-ħsejjes.*' Mistoqsija '*xi ħsejjes*?' Wieġbet '*Xi haga tfaqqa*'. Mistoqsija jekk kienx jgħidilha xi ħaġa dak il-ħin wieġbet "*Qed tishon, qed tishon*" u tgħid '*u kien ikompli*' Tgħid li ma kinitx twaqqfu għax kienet tibża li jtiha daqqa. Tgħid li kien jgħidilha biex ma tmurx tparla u biex "*issa toghod tghid lil hadd ta ghax irrid intik pjacir biss jiena*" u "*tmurx ma hadd iehor*". Qalet li ġewwa *Omissis* din ġrat erbgħa (4) darbiet u tgħid li darba l-ħanut *Omissis*. Tgħid li '*kien hemmkamra fejn hemm il-fridge u kien joqghod jaghmel dak l-affarijiet, kien joqghod jghorokha mieghi sakemm igibha.*' Mistqosija jekk missielix xi parti oħra ta' ġisimha wieġbet li sidirha minn fuq il-ħwejjeġ. tgħid li kien '*qisu jorokomli*'. Tgħid li għandikun dawn kienu jiġru wara l-erbgħa, tgħid li waqt li kien ikun miftuh il-ħanut. Tgħid li kien joqgħod jittawwal biex jara jekk ġejjien nies. Xehdet li l-bieb kienet tħallih imbexxaq. Qalet li kien imissha fil-parti tagħha imma ma kienx ineħħilha l-qalziet. Fuq mistoqsija jekk kienx imissha anke fejn jidħlu n-nies, wieġbet li iva, qalet li mhux kul jum. Tgħid li għandu camera tonda mwaħħla mas-saqaf iżda l-kamera ma kinitx tilħaq fejn isiru dawn l-affarijiet, lqanqas wara l-cashier.

Xehdet li xi drabi kien imiss il-parti privata tagħha u ta' bint l-imputat biex jiċċajta iżda tgħid li '*mhux ezatt il-mod kif kien jaghmel lili, mhux kien joqghod korokha maghha, ma nahsibx li kien joqghod jorokha maghha sakemm igibha.*' Kompliet tgħid '*Imma jien qed nghidlek mhux fil-hanut, ezempju fil-karozza kien joqghod imiss taghnna hekk.*' Hi tgħid li t-tifla tal-imputat ma kinitx tkun il-ħanut waqt li saru dawn l-affarijiet u lanqas *Omissis*. Kienu jkunu

waħedhom. Dan jikkuntrasta ferm ma dak li xehdet bint l-imputat, *Omissis*. Il-minuri mistoqsija jekk l-imputat tahix rigali qalet li '*darba kien tghani mobile, minn hemm bdiet qisha l-bicca xoghol, ghax jien kont ferhana w hekk, mort nghannqu hemmhekk u qisu minn hemmheek bdew jigru l-affarijiet u wara li zzewweg it-tifel tieghu.*' Tgħid li darba kien qalilha fi kliema "*ejja ġerrijuli*" u kienet qaltlu li ma tridx. Dwar *Omissis* tgħid li kienu jaqblu ħafna u li darba *Omissis* kienet qaltilha li qiegħda tiddejjaq mal-familja tagħha. Tgħid li d-dar kienet daħlet bil-banju u kien ġie fi kliema '*hu kien bil-boxer ghandu jkun u kien joqghod qisni ressaqsi hekk u ghamilli wahda hekk, qisu biex iressaqha mieghi, ma sormi.*' Tgħid li hi kienet liebsa. Semmiet li kien jgħidilha xi ħaġa bħal "*jekk tinqabad tqila toqghodx tigi tfittxni*" iżda mistoqsija jekk kienx jagħmel affarijiet oħra biex tispiċċa tqila wieġbet li le u meta mistoqsija jekk kien hemm xi penetrazzjoni min naha tiegħu fiha wieġbet li le. Mistoqsija jekk damu jiġru dawn l-affarijiet wieġbet li '*qisu xahrejn zgur, ghax bdiet minn July sa Sempetember, ghax imbaghad fl-ahhar ta' Settembru ma kontx maghhom*'.

In kontro-eżami meta mistoqsija jekk kelliex esperejenzi sesswali ma rġiel oħra qabel maz-ziju *Omissis*, wieġbet li iva, tnejn semmiet lil *Omissis* tat-Taxi u liz-ziju *Omissis*. Tgħid li *Omissis* tat-taxi kien qabadha tagħmel '*horsie*' meta kellha ħames (5) snin u ta' sebgħa (7) snin tgħid li maz-ziju *Omissis* kienet fi kliemha '*hassejt xi haga kiesha ma sormi u hekk, meta kien qabbadni naghmel horsie*' u tgħid li kien juriha films pornografiċi. Tgħid li għal bidu ma kienx jagħmel dawn l-affarijiet iz-ziju *Omissis* sal-mument li marret tgħix magħhom. Hija kkonfermat li ma kinitx tkun tista torqod jekk ma tilgħabx bil-parti tagħha, tgħid li kienet timmasturba. Hi kkonfermat li kien ikollha sensazzjoni ta' pjaċir iżda li ma kinitx tkun trid tmur ir-razzett. Il-minuri f'din tgħid li tkellmet mal-Pulizija meta kellha tlettax (13) - il sena u meta mistoqsija meta ġara tgħid qisu sentejn ilu meta kellha erbatax (14)-il sena.

Mix-xhieda tal-minuri jirriżulta li għalkemm hija ma semmietx b'mod preċiż id-dati u l-ġranet ta' meta seħħew l-atti in kwistjoni u lanqas ma jidher li hija b'mod preċiż qalet kemm il-darba ġraw, hija spjegat li dawn ġraw bejn Lulju u Settembru tas-sena elfejn u ħdax (2011) u għalhekk dak li xehdet tinkwadra mal-akkuża li taqra li '*f Settembru 2011 u*

*fix-xhur ta' qabel, gewwa Omissis, Malta u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti* (...)' Ir-rakkont tagħha ta' kif ġraw l-l-allegati abbużi hija waħda dettaljata. Ix-xhieda li tressqu mill-prosekuzzjoni ma kienux preżenti waqt li seħħ l-allegat abbuż, huma jiddiskrivu l-bdil li raw fil-minuri wara l-allegat abbuż u jirrakontaw dak li l-minuri rrakkontat lilhom.

Dak li jgħidu li l-minuri irrakontatilhom b'mod ġenerali tikkombaċa ma dak li l-minuri xehdet quddiem l-Ewwel Qorti. Madankollu ma jistax ma jingħadx li kien hemm diskrepanzi f'dak li xehdet il-Minuri quddiem l-Ewwel Qorti meta kkomparat ma dak li xehdu xhieda li xehdu abbażi ta' dak li rrakontat il-minuri stess. Il-ħaddiem soċjali Samuel Fenech fix-xhieda tiegħu ta' nhar is-sebgħa (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed li l-minuri qaltlu li dawn ġraw erba' darbiet , jgħid li qisu madwar darbtejn fir-razzett *Omissis* u darbtejn fil-ħanut tiegħu. L-istess qalet Colette Farrugia fix-xhieda tagħha ta' nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013). Iżda meta xehdet il-minuri quddiem l-Ewwel Qorti dwar kemm il-darba ġrat *Omissis*, hija qalet '*Nahseb erba (4) darbiet*.' Qalet ukoll '*U darba l-hanut ukoll, ghax ghandu l-hanut.*' Filwaqt li aktar il-quddiem fix-xhieda tagħha tgħid '*Ifhimni, meta kont immur ghandhom hemmhekk, konna inqattghu hafna sighat igifieri l-hanut, imma nahseb aktar minn darba zgur. Ma niftakarx bl-amment imma aktar minn darba ovvja.*'

It-tip ta' abbuż li tiddeskrivi l-minuri huwa simili għal dak li jirrakontaw ix-xhieda l-oħra. Ix-xhud Samuel Fenech fix-xhieda tiegħu tas-sebgħa (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) jispjega li '*Omissis qalet illi dawn graw madwar erba' (4) darbiet dawn l-episodji fejn kien imissah minn fuq il-hwejjeg, kien jitlobha tinza xi hwejjeg ta' taht, kien ihokk il-parti tieghu waqt li hi tkun iebsa l-qalziet ta' taht sakemm jegakula. Qalet illi kien hemm mumenti fejn hi keient thoss il-parti tas-Sur Omissis, imqajjma, fi kliem it-tifla. (...) Hi qalet ukoll li kien darba minnom li dahhal sebghu fil-parti taghha, waqt li beda jdahhal u johrog subajh hi bdiet tisma xi hsejjes tal-likwidu li kien hiereg mill-parti taghha u s-Sur Omissis kien anke qalilha li dawk l-hsejjes qed jigu minhabba li hi tkun qeghda tishon.*' Huwa semma wkoll li l-aħħar inċident kien fit-tmintax (18) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħdax (2011) fejn l-imputat kien talab

lil minuri biex ikollha sess orali u '*biex iddahhal il-parti tieghu f'halqha waqt li kien fil-hanut.*' Dan iżda l-minuri ma ssemmiehx, iżda fix-xhieda tagħha tgħid li kien qalilha "*ejja ġerrijuli*" u li hi qaltlu le.

Il-ħaddiema soċjali Colette Farrugia fix-xhieda tagħha tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) irrakontat kif '*Omissis qaltilkien kien li s-Sur Omissis imissha fuq il-hwejjeg, imiss l-parti privata taghha, imbaghad kien jitlobha biex tinza fuq il-hwejjeg ta' taht u kien ikompli jmissha fuq il-hwejjeg ta' taht. Qalet ukoll li kien jitrasses maghha u jhokk maghha u kienet thoss il-parti private tieghu imqajjma u kien ukoll dawn l-erba' (4) drabi jipprova jdahhal il-parti tieghu fil-parti taghha, pero' hi kien ghadha bil-qalziet ta' taht. Kien jibqa' jaghmel hekk sakemm kien jegakula. Semmiet ukoll li hu darba kien dahhal subghajh fil-parti taghha u hi bdiet tisma; il-likwidu fil-parti taghha u qalilha, "qed tisimghu dan", dan speci, "minhabba li qieghed tishon", b'dak li qed nghamillek*'

Sr. Madeleine Cauchi fix-xhieda tagħha in kontro-eżami ta' nhar it-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) qalet li l-minuri kienet qaltilha li '*kellu sess maghha minn quddiem, minn wara.*' '*Bil-penetration b'kollox.*' Iżda l-minuri fix-xhieda tagħha ta' quddiem l-Ewwel Qorti meta mistoqsija jekk kienx hemm penetrazzjoni ikkonfermat li ma kienx hemm. Anthea D'Amico fix-xhieda tagħha ta' nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) qalet li '*qaltli li messilha l-parti taghha.*' Filwaqt li meta misoqsija jekk qaltiliex '*kienx dahhal subajh fil-parti taghha jew le?*' Wieġbet '*Speċifikament hekk le.*'

Minn naħa l-oħra, x-xhieda mressqa mid-difiża jagħtu x'jifhem li l-minuri ma għandhiex titwemmen. *Omissis* il-missier addottiv tal-minuri fix-xhieda tiegħu ta' nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) meta mistoqsi dwar l-allegazzjonijiet li l-minuri għamlet fuq l-omm addottiva humiex infondata wieġeb li ma jistax jgħid iżda meta mistoqsi jekk kienx hemm sitwazzjonijiet waqt li l-minuri kienet tgħix magħhom fejn allegat affarijiet li m'humiex minnhom huwa wieġeb '*Iva, tigdeb il-hin kollu, tisraqilna mill-flus etc*.' *Omissis* fix-xhieda tagħha tal-erbgħa (4) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) tgħid li '*bdiet qisha tivvendika ruhha minnha*'. *Omissis* fix-xhieda tagħha ta' nhar it-

tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) xehdet li '*Omissis kienet ghardieta hafna, kienet tghir ghat-tifla tieghi.*'

*Omissis*, it-tifla tal-imputat fix-xhieda tagħha mogħtija fl-għoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) tikkuntrasta ferm ma dak li xehdet il-minuri, hija tgħid li '*Omissis kienet fuq ruhha hafna, ma kienet tapprezza xejn u lanqas kienet tghin fid-dar xejn.*' Mistoqsija x'inhi pastaża għaliha wieġbet '*F'dak is-sens li kienet tmiss il-parti taghha bil-lej peress li kienet mieghi fil-kamra tieghi bil-lejl, konna norqdu flimkien. Allura kont nara ċertu affarijiet jiena u meta kont inħares lejha kienet tgħidli nagħmel hekk imiss il-part tiegħi beix inkun nista' norqod kienet tgħidli.*' Tgħid li '*kienet tmiss il-parti tagħha kull lejl.*' Tgħid '*Kienet ukoll meta kienet maghna f'Awwissu darba minnhom rajtha gherwiena, harget mill-kamra tal-banju gherwiena u darb'ohra kienet kixfet sorma fil-hanut.*' Hi xehdet li l-minuri qatt ma kienet waħedha mal-imputat. In kontro-eżami iżda tgħid *li 'ma jidhirlix li kienet wahdiha mieghu.*' Tkompli tgħid '*Meta kont hemm jien mal-papa' tieghi u kienet tigi mieghi hemmhekk mieghi kienet tkun.*'

L-appellant jagħti x'jifhem li la darba il-minuri kienet għamlet allegazzjonijiet ta' abbuż fiziku dwar il-ġenituri addottivi tagħha senjatament kontra l-omm addottiva u sussegwentement iddeċiediet li twaqqa tali akkużi u la darba z-ziju l-ieħor li dwaru allegat abbuż sesswali ġie liberat għandu neċessarjament jfisser li l-allegazzjonijiet li l-minuri għamlet fil-konfront tal-appellant ma għadhomx mis-sewwa. Din il-Qorti sejra tislet parti minn dik is-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Louise Calleja vs WP'**[23] fejn dwar l-allegazzjonijiet li għamlet l-istess minuri fil-konfront taz-zijuha, dik il-Qorti kkunsidrat:

'*Din il-Qorti li kellha l-opportunita' tisma' lill-minuri tixhed viva voce quddiemha tistqarr li hasbitha fit-tul dwar jekk ghandiex temmen lill-minuri dwar dak li qed tallega fil-konfronti tal-imputat WP. Din il-Qorti setghat tikkonstata li graw hafna affarijiet fl-hajja ta' din it-tfajla sa minn mindu kienet zghira hafna li rrendewlha hajjitha hafna aktar difficli minn dik ta' tfulija*

[23] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-26 ta' Frar, 2016

*normali u li kkundizjonawlha hajjitha darba ghal dejjem. Il-mod skjett u kwazi minghajr emozjoni li bih tkellmet din il-minuri meta xehdet quddiem din il-Qorti huwa pjuttost agjaccanti u wiehed ma jistax hlief jiddispjacih li din it-tifla kellha tghaddi minn dan kollu. Kien hemm istanzi fejn din il-Qorti izda beda jkollha dubji dwar il-kredibilita' tal-minuri dwar dak li bdiet tallega li qalilha u ghamlilha l-imputat anki ghaliex setghat tinnota certu diskrepanzi f' dak li kienet qed tghid bhal per ezempju meta in kontro-ezami qalet li mal- imputat ma kienx hemm kuntatt fiziku izda qabel kienet semmiet incident fejn l-imputat kien mar hdejha waqt li kienet rieqda u pogga il-parti genitali tieghu mal-warrani taghha. Il-Qorti mbaghad sabitha difficli tifhem kif hija setghat taghzel li tmur tghix mal-konjugi P meta harbet minghand il-familja addottiva jekk effettivament kienu grawlha xi affarijiet mal-imputat meta kienet izghar. Huwa evidenti li l-minuri ghaddiet minn episodju ta' abbuz sesswali f' hajjitha u li dawn l-incidenti hallew marka indelibli f' hajjitha izda din il-Qorti ghandha d-dubji jekk effettivament dak li qed tallega fil-konfronti tal-imputat garax fir-rejalta' jew altrimenti jekk hija hux qed taghmel dawn l-allegazzjonijiet sabiex dawn iservu bhala mezz sabiex tiehu dak li trid. Huwa evidenti li tali dubju ghandu jimmilita favur l-imputat u ghalhekk fic- cirkostanzi l-Prosekuzzjoni ma tistax titqies li rnexxielha tipprova l-kaz taghha oltre kull dubju dettat mir-raguni.*'

Fid-deċiżjoni ċitata, il-Qorti kellha dubji dwar il-kredibilita' ta' din l-istess minuri f'dak li għandu x'jaqsam l-allegazzjonijiet li għamlet dwar iz-ziju l-ieħor. Il-fatt li jkunu saru allegazzjonijiet fosthom li waslu għall-ħruġ ta' akkużi li sussegwentement dak li jkun ġie liberat minnhom u l-fatt l-minuri kienet ta' eta' iżgħar meta għamlet allegazzjonijiet dwar ċertu *Omissis* tat-taxi u anke dwar l-istess zijiet, tenut kont tat-tfulija tal-minuri tpoġġi lil din il-Qorti f'sitwazzjoni li trid tgħarbel sew dak li din id-darba il-minuri allegat fuq l-appellant iżda dan lanqas ma jfisser li l-allegazzjonijiet in mertu huma inveritieri.

Il-ħaddiem soċjali Samuel Fenech meta xehed fis-sebgħa (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) spjega li meta l-minuri ħarbet mingħand il-ġenituri addottivi u riedet tmur għand iz-zijiet kienet qalet li dak li allegat fil-passat ma kienx minnu. Anthea D'Amico in kontro-eżami fis-seduta ta' nhar is-sittax (16) ta' Frar tas-sena elfejn u ħmistax (2015) counsellor li għamlet żmien *social contact* tal-minuri u li fid-dati ta' meta xehdet quddiem

il-Qorti l-minuri kienet tirrisjedi magħha meta mistoqsija '*ma staqsejtiex ghalfejn harbet minghand l-adoptive parents jew staqsejtha ghalfejn harbet minghand l-adoptive parents u regghet marret proprju ghand san iz-zijiet li kien hemm allegazzjoni dwarhom fuq abbuz*?' Wieġbet '*Ehe ghax hi ma hassitiex mifhummha bhal hafna teenagers ta' dik l-eta' u hasbet illi tal-familja, tad-demm ikunu jistghu jifhmuha ahjar ghax jien naraha f'hafna tfal jigifieri, ikun hemm din l-idea illi min hu ta-demm vera jhobbok min m'hueiwex tad-demm ma jistax ihobbok ghax huma jhossuha hafna rejected u alone*.'

Issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Supretendent Sharon Tanti) vs Tristan Falzon'</u>**[24] ikkunsidrat li:

*'Illi din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti kompletament konfliggenti. Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex tinstab htija l-imputazzjonijiet iridu jigu pruvati sal- grad ta' oltre kull dubbju dettat mir-raguni. F'dan ir-rigward issir referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997 fil-kawza fl- ismijiet Il-Pulizija v Peter Ebejer, fejn dik il-Qorti fakret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal- buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l- ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller v Minister of Pension - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the*

---

[24] Deċiżа mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar 15 ta' Marzu, 2013 (Numru: 901/2006)

*case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice."*

Il-Qorti kienet illiberat lill-imputat fil-kawża fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Louise Calleja) vs SF'**[25] wara li fost fatti oħra kkunsidrat li:

'*Il-Qorti setghat ukoll tinnota l-insistenza tat-tifla kemm ma ommha kif ukoll ma missierha li huma jghidu xi haga jew jaghmlu xi haga lill-imputat bhal li kieku hija riditu jiehu xi forma ta' kastig immedjat. Il-Qorti setghat tinnota wkoll li l- minuri regghat marret minn jedda sabiex tigbor lil huha minghand l-imputat u ma kellha ebda diffikolta' li tibqa' hemm sakemm huha accetta li jitlaq. Il-Qorti fl-ahhar nett innutat ukoll id-diskrepanza bejn dak li qalet il-minuri a tempo vergine fejn qalet lil ommha u lil missierha u anki lil Pulizija li l-imputat kien qabdilha il-warrani waqt li kienet tiela' t-tarag u dak li xehdet f'dawn il-proceduri fejn ma semmiet xejn dwar dak li gara fit-tarag izda qalet li graw xi affarijiet waqt li kienu bil-qeghda fuq l-ghatba qabel ma dahlu gewwa jaraw it-television. Dawn l-affarijiet kollha mehuda flimkien dahlu dubji konsiderevoli fil-Qorti dwar il- kredibilta' tat-tifla u geghluha tahseb li effettivament l- affarijiet setghu graw kif qed jallega l-imputat u li t-tifla fil- fatt telghat fuq ghand ommha ghaliex l-imputat kien taha daqqa fuq il-warrani wara dak li kienet ghamlet lil huha u hija riedet b'xi mod tpattihielu ghal dak li kien gara. In vista ta' dawn id-dubji l-Qorti ma jidrilhiex li l-Prosekuzzjoni tista' titqies li rnexxilha tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u dan ghaliex id-dubji ghandhom ovvjament jimmilitaw favur l-imputat.*'

Din il-Qorti bħall-Ewwel Qorti hija tal-fehma li mill-provi prodotti dak allegat mill-minuri huwa veritiera u li dak li l-imputat ġie akkużat bih verament seħħ. Hija taqbel mal-kunsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti fejn ikkunsidrat li '*Fil-fehma tal-Qorti l-minuri kienet konsistenti f' dak li xehdet quddiem din il-Qorti u li fejn seta' kien hemm xi haga li possibilment seta' jtappanaha hija xorta wiegbet il-verita'. Per ezempju mistoqsija jekk hija kinitx timmasturba ma cahditx. Lanqas cahdet li ghalkemm ama kinitx tkun trid tmur ir-razzett biss pero' irrispondiet li hija ma waqfitx lill-imputat mill-agir tieghu apparti li ghaliex kienet tibza' mir-reazzjoni tieghu*

[25] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar l-14 ta' Diċembru, 2012 (Numru: 937/09)

*izda wkoll ghaliex kienet thoss sensazzjoni ta' pjacir.'*

Din il-Qorti ser tgħaddi biex abbażi tal-provi prodotti, tiddermina jekk jeżistux ir-rekwiżiti meħtieġa sabiex jissusistu l-akkużi. F'kawża b'fatti differrenti mill-kawża in mertu stante li l-kawża li l-Qorti sejra tiċċita minnha kienet tirrigwarda wkoll l-instigazzjoni għat-tħajjir tal-korruzzjoni u t-tħajjir għal prostituzzjoni iżda li tagħmel eżami approfondit dwar ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, iġġib l-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Gabriel Micallef) (Spettur Jessica Grima) vs Omissis'**[26]:

*'Fin-noti tieghu dwar id-dritt penali, il-**Professur Mamo** jelenka l-elementi legali rikjesti sabiex tirnexxi dina l- azzjoni penali. Fi kliemu ighid illi dana ir-reat: "deals with those lustful acts not consisting in carnal knowledge or attempted carnal knowledge with violence, whether actual or constructive, committed on the person or in the presence of any individual, whether male or female, and capable of defiling such individual." Kwindi l-ewwel element rikjest hija l-eta' tal-allegat vittma li per forza trid tkun minorenni; it-tieni element imbaghad, jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat u cioe' l-eghmil zieni. "Lewd conduct is any unlawful act committed by an individual with the purpose of arousing the libido or sexual interest of themselves or the person towards whom this action is directed." Il-Professur Mamo ikompli "this expression does not include mere words, or any picture, book or representation, though obscene, or other indecent facts which affect only the moral sense. These do not constitute the crime in question. It is required that the defilment be by lewd acts, which acts must be committed either on the person of the minor or at least in his presence". Isostni: "To take a different view would be to ignore the obvious spirit of the law in creating the crime, that is the desire to protect youth from the pernicious effects of moral defilment and, therefore also from all those acts, which, although they take place without physical contacts, are nevertheless inherently intended to defile." Jiddeskrivi dawn l-atti bhala: "inclusive of all acts directed to the indulgence of the sexual apetite." (*Emfażi miżjuda)

[26] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-22 ta' Jannar, 2014 (Numru 1281/2011)

L-istess Qorti kompliet tikkunsidra li: *Fl-ahharnett it-tielet element rikjest huwa l-att tal-korruzzjoni. Ghalkemm kien hemm guristi li ma qabblux dwar il-fatt jekk minuri li diga huwa korrott jistax ikun soggett ghal koruzzjoni u kwindi jistax jaqa' vittma ta' dana ir-reat, madanakollu il-qrati taghna dejjem sahhqu illi l-fatt illi minuri ikun diga gie soggett ghal korruzzjoni ma jeskludiex il-kummissjoni ta' dana r-reat fil-konfront tieghu. Ghal dak li jirrigwarda imbaghad il-mens rea rikjesta ghal kummissjoni tar-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni il- Professur Mamo huwa tal-fehma illi ma hijiex necessarja xi intenzjoni specifika wara l-kummissjoni ta' dana ir-reat: "The defilment whether intended or not, must be considered as a necessary consequence of the lewd acts themselves, leaving it in every case to those who are to judge to determine whether they were calculated to defile."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija versus Thomas Wiffen**[27], per Prim Imhallef Dr Vincent De Geatano ikkonfermat:

*Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza"*[28] *The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.* (Dettalji ta' referenzi jinstabu fin-noti tal-qiegħ tal-paġna.)

*'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular,*

---

[27] Deciza fit-8 ta' Jannar 1996,

[28] Manzini, V., op. cit., p. 359

*the age of the victim and the nature of the act or acts.'*

*Illi fil-kaz in dizamina ma hemmx dubbju illi l-imputata ma ikkomettiet l-ebda att ta' libidine jew kif imsejjha "lewd acts" fuq il-persuna tal-minuri Naomi 1 li setghu wasslu ghal korruzzjoni taghha. Kienet fuq xewqa ta'l-istess minuri illi l-minuri bdiet tipprostitwixxi ruhha. Ma kien hemm l-ebda azzjoni minn naha ta'l-imputata maghmula fuq il-minuri li b'xi mod setghet wasslet ghall-eccittament sesswali ta' din il-minuri. Illi ghalkemm il-minuri tallega illi fl-ewwel okkazzjoni illi hija bdiet tipprostitwixxi ruhha dana ghamlitu flimkien ma' zijitha f'kamra f'lukanda, madanakollu dana l-imputata tichdu u tghid illi huwa kollu invenzjoni mill-minuri. Il-Qorti ma ghandha l-ebda prova ohra fl-atti li tista' tindika illi dak li qed tghid il-minuri huwa minnu. Fuq kollox il-Qorti temmen illi l-minuri ammettiet dak li kienet qed taghmel meta inkixfet min-namrat taghha u ippruvat tghatti xturha billi titfa' it-tort kollu fuq zijitha. B'dana kollu, ma ifissirx illi l-Qorti qieghda b'xi mod tiskuza l-azzjonijiet maghmula mill-imputata, li kienet mara matura u messha kienet taf ben tajjeb x'setghu kienu il- konsegwenzi ta'l-azzjonijiet taghha, izda l-Qorti ma tistax tinjora il-fatt illi dina l-minuri li hija piuttiost prekoci kienet lestha titlef l-unur taghha u dana sabiex tkun tista' taghmel l-extensions f'xaghrha!'*

Għalhekk jirriżultaw it-tlett elementi sabiex jirnexxi r-reat stipulat taħt l-artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huma li l-persuna tkun taħt l-eta' (Għalkemm fl-att ta' akkuża jindika lil minuri li għandha tlettax-il sena irriżulta li hija kellha erbatax-il sena) tajjeb li jingħad li llum il-ġurnata l-artikolu 203 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi għal persuni '*taħt is-sittax-il sena*', l-egħmil żieni tant li l-minuri ħadet pjaċir u t-tielet element l-att tal-korruzzjoni, f'dan il-każ kif deskritt mill-minuri kkonsista f'tmesmis tal-partijiet privati ossia s-sider u l-vaġina, l-intromissjoni tas-subgħajh ġewwa l-vaġina tal-minuri u l-eġakulazzjoni barra u fil-preżenza tal-minuri. Liema atti jikkonsistu f'parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali kif jistipula l-artikolu 204C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kif ikkunsidrat fil-kawża fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs. Raisa**

**Mangion'**[29] li l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata wkoll għamlet referenza għaliha:

'*Il-ligi ma taghtix definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi attivitajiet sesswali pero' huwa maghruf li dawn l-atti jrid ikollhom bhala minimu certu element ta' sess sabiex l-atti jissejhu attivitajiet sesswali u ghalhekk m'hemmx dubju li ghandu jkun hemm l-uzu ta' l-organi sesswali tal-persuni nvoluti fir-relazzjoni. Ghalhekk mhux kwalsiasi att bejn zewg minn nies f'relazzjoni tista tissejjah attivita sesswali bhal per ezempju tghanniqa jew koppja lambranzetta, jew addirittura 'flirting' ma jistax jissejjah attivita sesswali.*'

Minn dak li xehdet il-minuri u mix-xhieda li kkonfermat dak li kienet irrakkontatilhom il-minuri ma hemmx dubju li l-atti li kkommetta l-imputat jikkostitwixxu attivitajiet sesswali. L-appellant kien anke akkużat li offenda l-pudur jew il-morali b'egħmil li sar f'lok pubbliku u/jew f'lok espost għall-pubbliku kif jistipula l-artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalkemm kif tajjeb ikkunsidrat l-Ewwel Qorti, ma nġabietx prova dwar jekk dan ir-razzett huwa lok pubbliku jew aċċessibli għal pubbliku iżda l-istess ma jistax jingħad dwar il-ħanut fejn seħħew uħud mill-atti kommessi. Il-minuri fix-xhieda tagħha tgħid li l-ħanut kien ikun miftuh għal pubbliku meta saru l-atti peress li dawn kienu jsiru wara l-erbgħa u tgħid li l-ħanut kien jagħlaq bejn nofsinhar u t-tlieta iżda bint l-imputat *Omissis* fix-xhieda tagħha ta' nhar l-għoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdet li l-ħanut jiftah mis-sebgħa ta' filgħodu sas-sebgħa ta' filgħaxija, ma jaghlaqx. Għalhekk jirriżulta li dawn l-atti kienu jseħħu f'lok espost għall-pubbliku.

Abbażi ta' dak hawn ikkunsidrat, l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

It-tieni aggravju tal-appellant jipprovdi li l-Ewwel Qorti ma tatx biżejjed piż għall-massima legali '*corrumpa non corrumpitur*'. Din il-Qorti l-ewwel ser teżamina dak li l-Qrati tagħna kkunsidraw dwar din il-massima legali. Jibda billi ssir referenza għas-sentenza li għaliha l-appellant għamel referenza fl-appell tiegħu, din iġġib l-ismijiet **'Il-Pulizija**

[29] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-23 ta' Lulju, 2014 (1081/2013)

**(Spettur Paula Ciantar) vs ommissis A'**[30] fejn il-Qorti kienet illiberat lil-imputat mill-akkużi miġjuba kontra tiegħu meta kkunsidrat:

*'Illi kien ghalhekk li l-pulizija mexxew kontra l-imputat ghar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, apparti ghar-reat ta' offiza ghall-pudur u l-morali b'atti li saru fil-pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku. La darba ma kienx qed jirrizulta l-istupru, l-azzjoni tal-pulizija kienet wahda korretta.*

*Madankollu, ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni u cioe` dik li titratta r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, jirrizulta fatt importatni fl-atti li hu ta' importanza u relevanza sostanzjali. Apparti l-fatt mhux kontradett illi Ommisssis B kienet tfajla ta' 16-il sena, hija kienet stqarret b'mod car u volontarju illi qabel din l-esperjenza li kellha fil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' Settembru 2003, hi kien gia kellha esperjenzi ohra ta' namur ma' rgiel ohra u esperjenza wahda ohra ta' att sesswali (intercourse) ma' ex boyfriend taghha.*

*Dawn huma rizultanzi processwali ta' piz sostanzjali. U din il-Qorti hi tal-fehma - wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, principalment l-eta` ta' Ommisssis B (16-il sena) u l-attivita sesswali taghha, precedenti ghall-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' Settembru 2003 - li mehud kollox flimkien, ma jikkonkorrux flimkien provi bizzejjed sabiex l-imputat jista jinstab hati ta' korruzzjoni ta' minorenni skond l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu'*

Fil-kawża fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Louise Calleja Spettur Robert Vella vs omissis imputat'**[31] ġie kkunsidrat:

*'Il-Qorti imbaghad ghaddiet biex tezamina jekk kemm il- darba l-atti prattikati fuq il-minuri attwalment wasslux sabiex jikkorrompu l-istess minuri u ghal dan il-ghan ghamlet referenza ghall-insenjament tal-principji enuncjati fil-kawza* ***Pulizija versus Carmelo Spiteri*** *deciza fl-*

[30] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħaka Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar il-31 ta' Jannar, 2017 (Kump numru: 889/2003)

[31] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-28 ta' Lulju, 2011 (Numru: 344/2008)

*20 ta' Marzu 1989 mill-Qorti tal-Appell Kriminali;*

***'Huwa fatt li jistghu jinqalghu kazijiet fejn l-allegat suggett passiv tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203, minhabba hajja dedikata ghall-laxxivja u ghall-pjaciri sesswali, ikun fi stat ta' travjament morali tant komplet li difficli wiehed jista' jimmagina kif jista' jigi ulterjorment korrott, u kazijiet bhal dawn gieli gew ikkunsidrati minn din il-Qorti, izda huwa cert ukoll li l- esperjenza sesswali precedenti mhux necessarjament teskludi l-possibilita' li jkun hemm korruzzjoni ghaliex kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali, in re,*** *Il-Pulizija versus George Portelli*[32]***, , (fejn dik il-Qorti kienet abbraccjat it-tejorija moderata tal- Maino), mhux qed jinghad li persuna gia parzjalment korrotta, ma tistax tigi korrotta izjed. Si tratta ta' kwistjoni ta' bilanc.'*** (Emfażi miżjuda)

*'Illi fil- kaz in ezami minkejja illi l-minuri xehdet illi hija diga kellha kongungiment karnali ma guvni tamparha qabel ma embarkat fir- relazzjonijiet intimi mal- imputat, xorta wahda, din l-Qorti tqis illi sehh il-korruzzjoni ta din il- minorenni, mhux biss minhabba l-fatt illi l-kongungiment karnali sar b' mod ripetut izda wkoll minhabba l-fatt illi saru atti sesswali diversi minn dawk illi l-minuri kienet diga inizjata fihom.;*

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata wkoll għamlet referenza għall-kawża hawn fuq ċitata.

Kif ġie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Nerzen Grixti vs Omissis Imputat'**[33] ġie kkunsidrat:
*'Illi fil-kaz in ezami il-Qorti ghandha quddiema tfajla ta sbatax il- sena illi gieli ippartecipat f'attivita ta' sess orali izda qatt ma kienet ippartecipat f' full sexual intercourse ma' guvni. Illi ghalhekk zgur illi l-att ta' penetrazzjoni sesswali da parti ta'l-imputat mhux biss kien atti di*

---

[32] Deciza fit-2 ta' Frar 1975

[33] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar l-4 ta' Lulju, 2011 (Numru: 680/2007)

*libidini kapaci li jikkorrompi lill din il-minuri, izda filfatt ikkorrompiha.'*

Din il-Qorti sejra wkoll tagħmel referenza għal kawża fl-ismijiet 'I**l-Pulizija vs Mario Bugeja**'[34] fejn ikkunsidrat:

*'l-Corte di Cassazione ta' Ruma, f'sentenza tal-11 ta' Ottubru 1906*[35]*, qalet: "Il concetto corrupta non corrumpitur puo` solo trovare applicazione di fronte ad un soggetto passivo giunto a tal grado di corruzione e di depravazione, da non esserne possibile un ulteriore stadio." U f'sentenza tal-Corte di Cassazione Penale tad-29 ta' April 1925*[36]*, intqal li "sussiste il reato di corruzione di minorenne gia` corrotto se i nuovi ed ulteriori incitamenti alla corruzione contribuiscono effettivamente ad accrescerla". Fil-fatt wieħed jista' jitkellem dwar gradi ta' korruzzjoni.*[37] *Il-Manzini*[38] *josserva: "La legge nulla dice circa il grado della corruzione; ma non per cio` puo` ammettersi che qualsiasi grado, anche minimo, di corruzione, porti all'impunita` dell'agente. Questo effetto e` proprio soltanto di quel grado di corruzione che non puo` piu` essere accresciuto in conseguenza del fatto altrui."*[39]

*10. Issa, għalkemm huwa diffiċli li jiġi determinat jekk minuri wasalx jew le fi stat ta' korruzzjoni jew depravazzjoni assoluta, dan huwa eżerċizzju li l- ġudikant jrid jagħmel. Bħalma jgħid il-Majno*[40]*: "E` una indagine (ripetiamo) da istituirsi caso per caso dal giudice; e, non ostante le difficolta` e incertezze inseparabili da tale apprezzamento, riteniamo che questa sia la soluzione piu` corretta, di fronte al testo e allo spirito dell'articolo 335, evitando quindi le due estreme*

---

[34] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-7 ta' Ottubru, 2015 (Appell numru: 76/13 DS)

[35] Citat minn Ugo Conti f'Prima Raccolta Completa della Giurisprudenza sul Codice Penale, Vol. III, p. 35, paera. 113.

[36] Repertorio Generale Annuale della Giurisprudenza Italiana, Anno XXVII, p. 118, para. 4.

[37] Ara, per eżempju, Appell Kriminali Il-Pulizija v. Emmanuele Sciberras, 25 ta' Gunju 1955.

[38] Trattato di Diritto Penale Italiano, 1951, para. 2612, p. 449.

[39] Skond Manzini, fejn l-atti libidinużi ma jżidux mal-għarfien li diġa` kellu l-minuri, il-possibilita` ta' korruzzjoni ulterjuri tista' tiġi eskluża. "Non cosi`, invece, se il minorenne sia stato indotto ad atti di libidine diversi da quelli cui era dedito (per esempio: masturbatore di se` stesso indotto a compiere atti di libidine su altri; minore dedito al coito naturale, indotto a subire il congiungimento carnale anormale)".

[40] Commento al Codice Penale Italiano, para. 1476.

*opinioni, secondo l'una delle quali sussiste sempre il reato qualunque sia la precedente corruzione del minore; e secondo l'altra si esclude la sussistenza del reato ogni qualvolta la vittima non sia nuova alle prattiche veneree e senza curarsi di stabilire se la corruzione sia stata suscettiva di aggravamento per effetto di nuovi atti."*

*11. Tajjeb li jiġi osservat ukoll f'dan l-istadju illi għal dak li huwa l-element formali tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni taħt l-artikolu 203(1) tal-Kodiċi Kriminali, hija biżżejjed il-konsapevolezza fis-suġġett attiv li huwa qed jagħmel l-att – l-att ta' libidini – fuq jew fil-presenza tal-minorenni. Ma hix meħtieġa fis- suġġett attiv xi intenzjoni speċifika li jikkorrompi*[41]' (Dettalji dwar sentenza ċitata fin-noti ta' qiegħ il-paġna)

Fil-kawża fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Andrew Bonnici'**[42] ġie kkunsidrat:

'*It-tieni aggravju ta' l-appellant hu, bażikament, fis-sens li ma jirriżultawx l-estremi kollha tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorrenni, u b'mod partikolari li ma jirriżultax li bħala fatt kien hemm il-korruzjoni. Dana l-aggravju hu infondat u jirrażenta l-fieragħ. Tifel ta' appena tlettax-il sena li jiġi espost għall-għemil li għamel l-appellant kemm fuqu nnifsu kif ukoll fuq il-persuna ta' l-istess tifel, ma jistax ma jiġix korrott, anke jekk forsi dak it-tifel ikun diġa' jaf ċertu fatti tal-ħajja jew ikollu xi esperjenza sesswall. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali ta' l-iżvilupp fisjoloġiku ta' dak li jkun, u altru l-imposizzjoni ta' sitwazzjonijiet, determinati minn għemil żieni, li manifestament jipproduċu leżjoni fl-intergrita' morali tal-minorrenni. (...)*'

L-appellant fl-appell tiegħu jargumenta li '*din ma kienetx l-ewwel darba li l-minuri ghamlet rapport li xi persuna adulta messha, jew abbuzaha. Kienet ghamlet sensiela ta' allegazzjonijiet ta' abbuz sesswali fuq diversi nies, l-iktar wieħed antik jirresali għal meta hija kellha biss 5 snin (...)*'. Fix-xhieda tal-minuri meta mistoqsija '*qabel din l-esperjenza maz-ziju Omissis qatt kellek esperjenzi sesswali ma xi irgiel ohra?*' Wieġbet '*Ehe, tnejn, ma Omissis tat-taxi, kont insejjahlu*

---

[41] ara Il-Pulizija v. Fortunato Tagliaferro, Appell Kriminali, 23 ta' Diċembru 1991

[42] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Jannar, 1998

*u mas-ziju Omissis. Imma mhux b'dan il-mod, niftakar kelli seven (7) irqadt hemmhekk, kien qabbadni naghmel horsie (...)*' Il-fatt li l-minuri għamlet allegazzjonijiet ta' abbuż sesswali dwar persuni oħra preċedentement u anke f'każ li dak l-abbuż preċedenti verament seħħ, dan bl-ebda mod ma jfisser li l-minuri kienet korrotta u lanqas ma jfisser li ma setgħetx tiġi korrotta aktar milli diġa' kienet. Kif ġia kkunsidrat din il-Qorti, il-fatt li hija kienet timmasturba bl-ebda mod ma jfisser li l-minuri ma setgħetx tiġi korrotta aktar. Meta ġiet mistoqsija in kontro-eżami jekk kinitx taf x'inhuma dawn l-affarijiet jew jekk kienux ġodda għaliha qalet li kienet taf x'inhuma iżda meta l-Qorti staqsieta '*Kont taf xinhuma, ghax kont ghamilthom qabel imma?*' Wieġbet li le. Għalhekk minn imkien ma jirriżulta dak li l-appellant jallega fl-appell tiegħu meta jgħid li l-minuri kienet '*giet esposta ghal atti sesswali shah u ta' portata ikbar.*'

Kif tajjeb ikkunsidrat l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha '*Il-minuri ammettiet li hija kienet taf x'kienu l-atti li kkommetta l-imputat fuqha sa minn qabel ma abbuza minnha. Biss pero' il-minuri xehdet li hija qatt ma kienet ghamlet dawk l-atti qabel mal-imputat ghogbu jagixxi kif agixxa. Meta l-minuri rreferiet ghall-esperjenza sesswali li hija kellha huwa altru milli evidenti li hija kienet qeghda tirreferi ghall-episodji fejn sar allegatment abbuz sesswali fuqha u mhux ghaliex hija kienet ippartecipat f'xi attivita' sesswali.*

*Il-fatt li l-minuri kienet timmasturba b'mod regolari mhux necessarjament ifisser li hija kienet korrotta. Tant huwa hekk li Sr Cauchi spjegat li huwa normalissimu li t-tfal jimmasturbaw u li dan huwa proprju parti mill-izvilupp fizjologiku taghhom. Mhux hekk biss' pero' tali agir jista' wkoll ikun indikattiv ta' abbuz li jkun gie subit mill-minuri. Oltre' dan mix-xhieda ta' Anthea D'Amico jirriżulta li l-minuri hadmet fuq dan l-aspett mal-psikologu taghha u eventwalment lanqas baqghet b'tali agir. Saret referenza ghal xi agir iehor izda dan ma jwassalx lil din il-Qorti tikkonkludi li l-minuri kienet diga' korrotta. Il-fatt li waqt ix-xhieda qalet li ma waqfitx lill-imputat mill-agir ghaliex kienet tiehu pjacir proprju jikkonsolida li l-minuri giet korrotta billi l-agir tal-imputat eccita l-aptit sesswali tal-minuri.*'

Jirriżulta li l-prosekuzzjoni irnexxieli tipprova l-elementi kardinali tar-reati li bihom l-appellant ġie akkużat. Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda tiċħad it-tieni aggravju tal-appellant.

Illi għalkemm l-appellant ma ressaqx aggravju ad hoc dwar mitigazzjoni fil-piena jew piena alternattiva, l-appellant għamel dan permezz tat-talba tal-appell innifsha. F'dan il-każ jirriżulta li għalkemm ma hemmx provi li seħħet penetrazzjoni tal-parti tal-imputat fil-parti tal-minuri, jirriżulta li l-abbuż kien jinvolvi l-partijiet privati u ġenitali u kif ikkunsidrat l-ewwel Qorti '*mhux semplici tghanniqa jew taghfisa forsi xi ftit zejda*'. Dan ir-reat huwa aggravat anke peress li l-imputat huwa z-ziju tar-rispett tal-minuri u għalhekk jirriżulta li l-imputat ħa vantaġġ tal-vulnerabilita' tal-minuri u tal-passat mhux daqstant faċli li kellha. Stante li jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti tidħol fil-parametri tal-Liġi, din il-Qorti ma tħoss li għandha tvarja tali piena.

Għalhekk, din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setgħet legalment u raġjonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. Għalhekk mhux il-każ illi din il-Qorti tiddisturba din il-konklużjoni.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi illi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Inoltre qieghda tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn b'applikazzjoni tal-382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat il-ħruġ ta' ordni ta' trazzin fil-konfront tal-imputat li permezz tiegħu tagħti effetti għall kull ma hemm fis-subinċiż (3) tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għaf-favur ta' *Omissis* għal żmien tlett (3) snin. Dan il-perjodu għandu jibda għaddej mid-data li fiha l-ħati jkun skonta l-piena.

B'referenza għall-artikolu 3 tal-Att XXXIII tal-2011 u ċioe' l-Att dwar Reġistrazzjoni għal Protezzjoni tal-Minuri, qegħda tordna notifika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jieħu ħsieb ir-reġistrazzjoni tal-ħati skond il-liġi.

Tordna wkoll id-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem l-imputat, tal-familjari, l-minuri kif ukoll l-isem tal-istituzzjoni fejn kienet tirresjedi u tal-lokalitajiet fejn seħħew l-abbużi billi altrimenti l-minuri tista' tkun faċilment identitfikata.

Consuelo Scerri Herrera
Imhallef